# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 217/14/1 AL**

**Jethro Bugeja f'ismu proprju u f'isem ibnu Jaiden**

**v.**

**Josette Bugeja Micallef**

1. Din is-sentenza titratta żewġ appelli, wieħed tal-konvenuta u l-ieħor tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Ġunju 2020 dwar il-firda personali bejn il-partijiet.

2. Il-kawża nbdiet b'rikors maħluf preżentat fit-3 ta' Ottubru 2014 permezz ta' liema l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

*"Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 t' Awwissu 2009 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u immarkat bhala Dok A.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieled wild bl-isem ta' Jaiden li twieled nhar it-12 ta' Lulju 2010 u li l-llum ghandu erba' snin.*

*Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba abbandun sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*

*Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghall-ftehim bonarju ta' separazzjoni personali u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok B.*

*Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti jehtieg li tigi xolta u likwidata.*

*Tghid ghalhekk il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Bugeja minhabba abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta kontra zewgha l-attur, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.*

*2. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenuta titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attur u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni.*

*3. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.*

*4. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.*

*5. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Jaiden tigi affidata esklussivament lill-attur b'access ghall-konvenuta u fin-nuqqas access adegwat ghall-attur;*

*6. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas ghall-minuri Jaiden manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-istess minuri u l-mezzi tal-konvenuta, bil-modalita' ta' hin, lok, u gurnata ta' pagament li tigi ukoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-*

*hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenuta.*

*7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*8. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti parafernali tieghu u fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-attur l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.*

*9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni."*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fl-10 ta' Diċembru 2014[1] il-konvenuta wieġbet illi:

*"1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghal pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero` li kien l-istess rikorrenti illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;*

*2. Illi t-tieni talba hija opposta billi kien l-istess rikorrenti li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mir-rikorrenti u di piu` ir-rikorrenti ddekada minn sehemu ta' porzjon sostanzjali tal-gid komuni;*

*3. Illi t-tielet u r-raba` talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-gid komuni mhijiex opposta b'dan pero li kien ir-rikorrenti li gab it-tifrik taz-zwieg u s-sanzjonijiet invokati mir-rikorrenti, ghandhom minflok japplikaw kontrih;*

*4. Illi dwar il-kura u l-kustodja, il-hames talba hija opposta u l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti salv access tal-missier ghall-istess minuri;*

*5. Illi s-sitt talba, in kwantu tirreferi ghall-manteniment ghall-minuri, hija opposta in kwantu ghandu jkun l-istess rikorrenti li jhallas manteniment adegwat fil-konfront tal-minuri Jaiden lill-esponenti u in kwantu tirreferi ghal manteniment ghar-rikorrenti, hija opposta wkoll stante li r-rikorrenti ghandu mezzi sufficjenti biex imantni lilu nnifsu kif fil-fatt dejjem ghamel u f'kull kaz ir-rikorrenti ddekada mid-dritt tieghu li jitlob manteniment ghalih minhabba l-imgieba tieghu.*

[1] Fol. 20 et seq.

*6. L-esponenti m'ghandha ebda gid parafernali propjeta tar-rikorrenti fil-pussess taghha u ghalhekk it-tmien talba ghandha tigi michuda.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

4. Fl-istess ħin ressqet kontro-talba fejn ippremettiet u talbet:[2]

*"(a) Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Awwissu 2009 kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg anness bhala Dok. A mar-rikors guramentat;*

*(b) Illi minn dan iz-zwieg twieled wild bl-isem ta' Jaiden nhar it-12 ta' Lulju 2010;*

*(c) Illi r-rikorrenti rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu l-esponenti ta' eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi u sevizzi b'rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibli tant li z-zwieg tkisser irremidjabbilment;*

*(d) Illi l-partijiet gew awtorizzati b'digriet tal-4 ta' Awwissu 2014 ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedu b'kawza fit-termini legali;*

*Jgħid għalhekk ir-rikorrenti Jethro Bugeja ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli lir-rikorrenti Jethro Bugeja u ghall- finijiet tal-Artikolu 48( c ) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi data li minnha l-istess rikorrenti ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda;*

*2. Tawtorizza lill-esponenti tghix separatament minn ma` zewgha r-rikorrenti u tawtorizzaha tirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali flimkien ma' binha Jaiden, ad eskluzjoni mill-istess dar tar-rikorrenti zewgha u dana b'applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kap. 16;*

*3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Jaiden tigi fdata lill-esponenti esklussivament, salv access tar-rikorrenti ghall-istess minuri;*

*4. Tikkundanna lir-rikorrenti Jethro Bugeja sabiex ihallas lill-esponenti martu retta alimentarja xierqa u adegwata ghaliha u ghall-imsemmi minuri, skont il-Ligi, pagabbli mir-rikorrenti skont il-modalitajiet li jigu ffissati minn dina l-qorti bil-provvediment ghal zieda perjodika sabiex jaghmel tajjeb ghall-awent fl-gholi tal-hajja, liema retta alimentarja tithallas direttament mis-salarju percepibbli mir-rikorrenti jew minn kwalsiasi introjtu iehor;*

*5. Tapplika kontra r-rikorrent interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 u tal-artikoli 51 sa 61 tal-Kodici Civili (Kap. 16);*

[2] Fol. 22.

*6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kompost kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, liema porzjonjiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lir-rikorrenti b'dan li jigu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba, okkorrendo ghal finiiet ta' din it-talba, bi-nomina ta' periti nominandi;*

*7. Tinnomina nutar sabiex jircievi l-atti tad-divizjoni u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

*8. Tikkundanna lir-rikorrent jikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha parafernali taghha jew il-valur taghhom, illi jigu dettaljati fil-kors tas-smiegh tal-kawza;*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Jethro Bugeja, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;"*

5. L-attur wieġeb għall-kontrotalba b'dan il-mod:

*"1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet madankollu mhux bi htija tieghu izda bi htija tal-konvenuta.*

*2. Illi t-tieni talba ghandha tigi milqugha fis-sens illi l-Qorti tordna lill-partijiet jghixu separatament izda tichadha fis-sens illi ma jezistux l-estremi tal-ligi sabiex il-Qorti tawtorizza lill-konvenuta tghix esklussivament fl-imsemmi fond.*

*3. Illi t-tielet ghandha tigi michuda u dan peress illi mhux fl-interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tigi affidata esklussivament f'idejn il-konvenuta.*

*4. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda stante illi l-konvenuta tista' tmantni lilha nnifisha. Fir-rigward tal-manteniment ghall-minuri, l-esponenti dejjem ikkontribwixxa ghall-manteniment ta' ibnu ukoll f'dan l-istadju pendente lite.*

*5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda stante illi l-esponenti ma jahtix ghas-separazzjoni personali u ghalhekk id-dispozizzjonijiet l-artikoli msemmija f'talba numru 5, ma ghandhomx jigu applikati fil-konfront ta' l-esponenti.*

*6. Illi s-sitt talba ghandha tigi milqugha fis-sens illi tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti minghajr pero` l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija f'talba numru 5.*

*7. Illi s-seba' talba ghandha tigi milqugha.*

*8. Illi l-ebda beni parafernali tal-konvenuta ma jinsabu fil-pussess ta' l-attur, u kwindi din it-talba ghandha wkoll tigi michuda."*

6. B'sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) laqgħet it-talba tal-attur skont rikors tat-2 ta' Frar, 2015 u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet skont l-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili b'effett mid-data tal-istess sentenza.

7. B'digriet tat-2 ta' April 2019[3] l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta[4] '*sabiex l-ewwel talba tinbidel minn dik għal separazzjoni għal talba ta' divorzju.'* Talba li għaliha l-attur ta l-kunsens tiegħu.[5]

8. B'sentenza tad-9 ta' Ġunju 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi Bugeja iżda r-rikorrent għandu sittin fil-mija (60%) tal-ħtija filwaqt li l-intimata għandha erbgħin fil-mija (40%) tal-ħtija.*

*2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent, billi tapplika kontra l-konvenuta l-effetti tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, iżda b'dan illi l-artikolu 48(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta japplika biss mid-data tas-16 ta' Frar 2014, ċjoe` min disa' xhur qabel twieled Niall Bugeja Flask, it-tifel tar-rikorrent minn relazzjoni li kellu ma' Doreen Flask.*

*3. Il-Qorti kienet diġa laqgħet din it-talba b' sentenza datata 15 t' Ottubru 2015.*

*4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-Komunjoni tal-Akkwisti skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.*

*5. Tiċħad il-ħames talba tar-rikorrent dwar il-kura u kustodja.*

[3] Fol. 1190.
[4] Rikors a fol. 1185.
[5] Fit-tweġiba a fol. 1189.

*Tiffissa ħinijiet ta' aċċess għar-rikorrent kif stipulat fis-sub titolu Kura u Kustodja.*

*6. Tiċħad is-sitt talba tar-rikorrent.*

*7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien biex jirċievi l-att ta' diviżjoni relattiv, u l-kuratur sabiex jirrappreżenta lill-evantwali kontumaci.*

*8. Tilqa' t-tmien talba u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja fi żmien qasir l-oġġetti parafernali tar-rikorrenti skont kif elenkat tat it-titlu Assi Parafernali tar-rikorrent.*

*9. Tilqa' d-disa' talba u tawtorizza lir-rikorrenti jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.*

*<u>Kontro-talba</u>*

*1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u l-artikolu 48(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta japplika biss mid-data tas-16 ta' Frar 2014, u cjoe` minn disa' xhur qabel twieled Niall Bugeja Flask, iben ir-rikorrent mir-relazzjoni li kellu u għad għandu ma' Doreen Flask.*

*2. Dwar it-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta li tkompli tgħix fid-dar matrimonjali ma' binha Jaiden, din it-talb hija llum sorvolata stante li d-dar matrimonjali inbiegħet. Għalhekk, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.*

*3. Tilqa' t-tielet talba tal-konvenuta rikonvenzjonanta u tordna li l-kura u kustodja tat-tifel Jaiden tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn il-konvenuta salv għall-aċċess tar-rikorrent kif stabbilit f'din is-sentenza.*

*4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tordna lil Jethro Bugeja jħallas lill-konvenuta manteniment għal ibnu Jaiden fl-ammont ta' tlett mitt Ewro fix-xahar (Ewro 300). Dan il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ajja. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm l-iben Jaiden jagħlaq it-tmintax il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-wild tal-partijiet jibqa' jistudja fuq bażi full-time wara l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk it-tifel jiddeċiedi li jmur jgħix għal-rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu. Il-manteniment jista' jinqata` direttament mis-salarju tar-rikorrent u jithallas direttament lill-konvenuta. Tiċħad it-talba għall-ħlas tal-manteniment lill-konvenuta.*

*5. Tilqa' l-ħames talba u tapplika kontra r-rikorrent d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 b'mod li l-artikolu 48(c) japplika b'effett mis-16 ta' Frar 2014.*

*6. Kif diġa ntqal il-Qorti kienet diġa` xoljiet il-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-partijiet, il-Qorti tilqa' għalhekk it-talba għall-likwidazzjoni u xoljiment tal-istess komunjoni skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti, u tordna li s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba għandhom japplikaw għal dak li jirrigwarda limitatament l-artikolu 48(c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina n-nutar Dr. Sean Critien sabiex jirċievi l-att ta' diviżjoni u kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.*

*8. Tilqa' t-tmien talba u tordna lir-rikorrent jikkonsenja lill-konvenuta l-beni kollha parafernali, ossija l-valur tagħhom, skont kif indikat fit-Titolu Assi Parafernali tal-Konvenuta.*

*Bl-ispejjeż jitħallsu sittin fil-mija (60%) mir-rikorrent u erbgħin fil-mija (40%) mill-konvenuta."*

9. Minn dik is-sentenza appellaw iż-żewġ partijiet:

9.1. Il-<u>konvenuta</u> tilmenta dwar: (i) in-nuqqas ta' pronunzjament dwar il-ħall taż-żwieġ; (ii) ir-responsabbilta` għall-firda u tas-sanzjonijiet; (iii) il-manteniment tal-minuri u l-arretrati tal-istess; (iv) l-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari; (v) iċ-*children's allowance*; (vi) ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; (vii) l-assi parafernali; (viii) nuqqas ta' kunsiderazzjoni tar-risposti in eskussjoni magħmula mill-perit legali; u (ix) il-kap tal-ispejjeż.

9.2. Min-naħa l-oħra l-<u>attur</u> jilmenta illi: (i) is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti hija waħda ppreparata bl-għaġġla u mingħajr attenzjoni fejn ġiet sempliċement ikkonfermata r-relazzjoni tal-perit legali u saħansitra ġew kompletament injorati s-sottomissjonijiet tal-partijiet; (ii)

ġie imċaħħad mill-kura u kustodja ta' ibnu mingħajr motivazzjonijiet xierqa; (iii) il-manteniment għall-minuri fl-ammont ta' €300 fix-xahar oltre nofs l-ispejjeż mediċi u edukattivi huwa eżaġerat; (iv) il-konvenuta kellha tiġi allokata l-akbar parti tal-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet; (v) fid-deċiżjoni tagħha dwar it-terminazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ewwel Qorti kkonfermat u għamlet tagħha ammont kbir ta' żbalji tal-perit legali fir-relazzjoni tagħha; (vi) fid-deċiżjoni tagħha dwar dejn mal-familjari tal-konvenuta l-ewwel Qorti ukoll ikkonfermat u għamlet tagħha żball tal-perit legali; u li (vii) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat u inkomplet tal-krediti parafernali relattivi għalih.

Konsiderazzjonijiet.

10. Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-partijiet f'sekwenza li mhux neċessarjament tirrifletti l-ordni kronoloġiku li fiha saru.

Allegat nuqqas ta' konsiderazzjoni tat-tweġibiet in eskussjoni tal-perit legali u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet

11. Permezz tal-ewwel aggravju, l-attur jilmenta illi mhux biss fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti la ndikat u lanqas irrikonoxxiet il-fatt li ġew preżentati n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, iżda lanqas biss

qrathom. Dan minħabba l-fatt li fin-nota tiegħu ssemmew għadd ta' allegati difetti serji fir-relazzjoni tal-perit legali u li fis-sentenza appellata ġiet riprodotta *verbatim* u kkonfermata mill-ewwel Qorti, minkejja li hemm żbalji fiha. Oltre dan, l-attur jilmenta li s-sentenza tal-appellata hija afflitta min-numru kbir ta' żbalji tal-kitba fosthom fid-deċide fejn hemm spazju vojt kull fejn kellu jitniżżel isem kuratur. Jgħid ukoll li n-nutar inħatar inutilment.

12. Huwa minnu li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rriproduċiet kelma b' kelma tlieta u erbgħin paġna ta' konsiderazzjonijiet magħmula mill-perit legali. L-uniku konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti hi s-segwenti:

> *"Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u mal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, ħlief għal-fatt li t-tifel Jaiden għadu minuri u mhuwiex maġġorenni kif qalet il-Perit Legali. Għalhekk, tordna kif ġej fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri u fir-rigward tal-aċċess:*
>
> *Kura u Kustodja.*
>
> *Ir-rikorrent, fil-ħames talba tiegħu, talab illi l-kura u kustodja tal-minuri Jaiden tiġi fdata esklussivament f'idejh, u fin-nuqqas talab li jingħata aċċess adegwat. Min-naħa l-oħra, fil-kontro-talba il-konvenuta rikonvenzjonanta talbet tramite fit-tielet talba tagħha li l-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta' Jaiden tiġi fdata esklussivament lilha, salv aċċess tarrikorrent. In eskussjoni, l-Perit Legali kkonstatat li l-kura u kustodja tal-minuri Jaiden għandha tkun konġunta bejn il-partijiet.*
>
> *Illi f'każijiet bħal dawn, kif tajjeb ritenut fil-ġurisprudenza nostrana, l-interess suprem tal-minuri huwa l-prinċipju predominanti. Illi jirriżulta li sal-lum, il-wild kien qed jitrabba u jiġi kkurat prinċipalment mill-omm, għadu jirrisjedu mal-omm. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kura u kustodja għandha tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn l-omm il-konvenuta, bl-aċċess kif ser jiġi hawnhekk stipulat.*
>
> *Dwar l-aċċess, din il-Qorti ser iżżomm mad-dati u ħinijiet ta' aċċess kif stipulati fid-digriet tal-Qorti datat 4 ta' Awissu 2014, anke peress li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, ġie sottomess li m'hemm l-ebda*

> *oġġezzjoni għal dan, stante li l-minuri kien dam sakemm addatta ruħu għal dawn il-ħinijiet ta' aċċess, u għalhekk ikun fl-interess tal-minuri li jinżammu l-istess ħinijiet mingħajr tibdiliet, biex tinżamm l-istess rutina. Madankollu, din il-Qorti xorta ser tiffissa aċċess adegwat għar-rikorrent. Għalhekk, l-aċċess għandu jkun kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Ħamis bejn il-5.00p.m. u s-7.30p.m. u 'sleepover' mill-Ġimgħa għas-Sibt, jew mis-Sibt għall-Ħadd mill-5.00p.m. sal-5.00p.m."*

13. Għalkemm fil-parti preliminari tas-sentenza appellata ma jingħadx speċifikament li l-Qorti qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, minn din is-silta jirriżulta, għallinqas fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kura u kustodja tal-iben minuri tal-partijiet, li l-ewwel Qorti effettivament ikkunsidrat is-sottomissjonijiet finali tal-konvenuta u t-tweġibiet in eskussjoni tal-perit legali. Iżda għall-kumplament tal-kwistjonijiet deċiżi bis-sentenza appellata, l-attur għandu raġun jilmenta li dawn jistrieħu *in toto* fuq ir-rapport tal-perit legali mingħajr ebda konsiderazzjoni ulterjuri għat-tweġibiet in eskussjoni tal-istess perit jew tas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

14. Fil-fatt dan wassal sabiex il-konvenuta ssollevat l-istess lanjanza u permezz tat-tmien aggravju tagħha elenkat serje ta' kwistjonijiet li dwarhom il-perit legali, fuq domandi in eskussjoni, ikkonċediet li kien hemm żbalji fir-rapport tagħha li pero` ma ġietx riflessa fis-sentenza appellata.

15. Jekk hux minnu li saru l-iżbalji li għalihom jirreferu l-partijiet hija kwistjoni li ser ikollha tistħarreġ din il-Qorti. Eżerċizzju li suppost sar bil-

galbu mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti ma kellhiex taddotta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit legali mingħajr tikkunsidra b'mod suffiċjenti l-ilmenti tal-partijiet u tqis it-tweġibiet li tat il-perit legali in eskussjoni. Jekk l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-kritika tal-partijiet għar-rapport ma kinitx mistħoqqa, kellha tagħti raġunijiet ċari għalfejn.

16. L-attur għandu wkoll raġun jilmenta li fid-*deċide* tħalla spazju vojt fejn suppost ġie inserit isem il-kuratur sabiex jirrapreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-att tad-diviżjoni. Dan in-nuqqas seta' ġie rimedjat minn kull waħda mill-partijiet permezz ta' rikors lill-Qorti tal-ewwel grad a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'kull każ, aktar 'l quddiem din il-Qorti se tipprovdi li jekk il-partijiet ma jbigħux il-garaxxijiet li għandhom bejniethom fi żmien sentejn, l-istess ser jinbiegħu taħt l-awtorita` tal-Qorti.

<u>Nuqqas ta' pronunzjament dwar il-ħall taż-żwieġ.</u>

17. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-konvenuta tilmenta li l-ewwel Qorti ddikjarat biss is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u naqset milli tiddikjara l-ħall taż-żwieġ. Dan minkejja li fit-2 ta' April 2019 il-proċeduri odjerni ġew konvertiti minn kawża għal separazzjoni għal waħda ta' divorzju skont l-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili.

18. Rajna kif b'digriet tat-2 ta' April 2019 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta[6] '*sabiex l-ewwel talba tinbidel minn dik għal separazzjoni għal talba ta' divorzju.'* Madanakollu, l-ewwel Qorti ddeċidiet l-ewwel talba tal-attur u tar-rikonvenzjoni b'dan il-mod:

> *"Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi Bugeja ...*
>
> *Kontro-talba*
>
> *1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ..."*

19. Għalhekk dan l-aggravju huwa mistħoqq. Konsegwentement, it-talba tal-partijiet għal dikjarazzjoni tal-ħall taż-żwieġ ċelebrat fl-14 ta' Awwissu 2009 ser tintlaqa' biex il-kwistjoni tingħalaq darba għal dejjem.

20. Fl-ewwel aggravju l-konvenuta talbet ukoll li tirreverti għal kunjom xbubitha 'Micallef', filwaqt li l-minuri, li qalet li sallum magħruf b'dak il-kunjom, b' żieda mal-kunjom tal-missier jiżdied ukoll kunjomha sabiex kunjom il-minuri jkun jaqra 'Bugeja Micallef' jew sussidjarjament 'Micallef Bugeja'.

21. L-attur ma jsibx oġġezzjoni għat-talba dwar kunjom il-konvenuta filwaqt li qal li fir-rigward tat-tifel ser joqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti, b'dan li kunjom ibnu għandu jkun 'Bugeja' jew 'Bugeja Micallef' mhux 'Micallef Bugeja'. F'dan ir-rigward għamel referenza għall-Artikolu 4(3)

---

[6] Fol. 1185.

tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li t-tfal għandhom jieħdu kunjom missierhom u warajh biss jista' jiżdied kunjom xbubit l-omm.

22. Safejn il-konvenuta titlob li tiġi awtorizzata tirriverti għal kunjom xbubitha, it-talba sejra tintlaqa'. Fir-rigward tal-kunjom ta' iben il-partijiet il-Qorti tqis li bl-introduzzjoni tal-Att LXV tal-2020 l-artikolu tal-liġi li rrefera għalih l-attur kien ġie emendat. Skont sub-inċiż (8) tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili, it-tfal li twieldu ġewwa Malta qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, u li dwarhom ma jkunx diġa` ntagħżel isem tal-familja fl-Att taż-Żwieġ, jistgħu jieħdu l-kunjom ta' wieħed mill-ġenituri tagħhom, jew il-kunjomijiet taż-żewġ ġenituri, fl-ordni tal-għażla tagħhom.

23. Iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri m'huwiex fl-atti iżda ġew ippreżentati diversi dokumenti mill-konvenuta nnifisha[7] li jattestaw li iben il-partijiet huwa sallum magħruf bil-kunjom 'Bugeja' u mhux 'Micallef' kif allegat. F'kull każ, l-omm talbet li kunjom il-minuri jkun jaqra 'Bugeja Micallef'.[8] Il-kunjom 'Micallef Bugeja' ingħata biss bħala alternattiva sussidjarja.

24. Da parti tiegħu l-missier irrimetta ruħu għat-talba tal-omm sabiex kunjomha 'Micallef' jiżdied wara tiegħu. Ladarba hemm qbil bejn il-

[7] Fol. 894 et seq.
[8] Fol. 828.

partijiet li binhom minuri għandu jkun kunjomu 'Bugeja Micallef' il-Qorti sejra tordna li kunjom xbubit l-omm jiżdied wara l-kunjom 'Bugeja'.

Ħtija għat-tifrik taż-żwieġ.

25. L-attribuzzjoni tal-ħtija tal-firda hija l-mertu kemm tat-tieni aggravju tal-konvenuta kif ukoll tar-raba' aggravju tal-attur. Il-konklużjonijiet tal-perit legali f'dan ir-rigward kienu dawn:

> *"Mil-provi jirrizulta li l-partijiet kienu gejjin minn ambjent familjari differenti – huwa kellu problemi mal-genituri tieghu tant li mhux l-ewwel darba li ommu tefghatu barra mid-dar filwaqt li l-konvenuta kienet gejja minn ambjent familjari aktar stabbli li provdielha wkoll adukazzjoni terzjarja, filwaqt li l-attur kien bniedem tas-sengha izda li ma marx universita. Dak iz-zmien tali haga l-konvenuta ma dejqitiex tant li zzewgitu filwaqt li f'dawn il-proceduri hija pruvat taghmel kapital minnha. Kien hemm hafna dizgwid bejn il-familji taz-zewg partijiet tant li l-familja tal-attur lanqas ghat-tieg ma marret.*
>
> *Irrizulta li l-attur kien jahdem ghal familja u rrizulta wkoll li huwa ftit li xejn kien ikollu hin ghal familja anke meta hija kienet tqila minhabba li kien idum xoghol tard. Anke meta l-konvenut regghet harget tahdem bhala ghalliema, hija sabet koperazzjoni mil-genituri taghha u anke tieghu u jidher ghalhekk li l-kwistjoni familjari li kellu l-attur ma' ommu kienet tjiebet.*
>
> *Ghalkemm il-partijiet ippruvaw isalvaw dan iz-zwieg dan kien kollu ghal xejn u llum kull parti stabiliet hajja ohra ma' persuna ohra u anke fformaw familja. Veru li l-attur beda r-relazzjoni mas-siehba li ghandu fil-prezent meta kien ghadu d-dar izda veru wkoll li meta gara dan ir-relazzjoni kienet ilha li spiccat bejn il-partijiet. Ghalkemm il-konvenuta tghid li li kien ghaliha hija salvat dan iz-zwieg mil-provi prodotti ma jirrizulta xejn minn dan stante li l-kwistjonijiet ta' bejniethom dejjem baqghu jeskalaw sakemm waslu f'dawn il-proceduri. Il-konvenut mil-banda l-ohra baqa jinsisti biex ma jhallasx id-dejn li kellu mal-genituri tal-mara tant li dawn kellhom jifthu kawza fic-civil u dan ma ghen xejn fir-relazzjoni ta' bejn iz-zewg familji.*
>
> *Mil-provi hawn fuq imsemmija jirrizulta fl-umli fehma tal-perit legali li l-htija tal-firda hija attribwibbli kwantu ghal sittin fil-mija (60%) lill-attur u erbghin fil-mija (40%) lil mara senjatament minhabba l-adulterju*

*kommess mill-attur. Fis-16 ta' Novembru 2014 l-attur kellu tifel minn relazzjoni li kellu u ghad ghandu ma Doreen Flask.*

*...*

*Veru li kien hemm problemi f'dan iz-zwieg u veru li z-zewg partijiet kienu jipprovokaw lil xulxin, jghajru lil xulxin u rrendew il-hajja ta' xulxin b'mod insopportabbli f'dan iz-zwieg izda veru wkoll li dan ma jaghtix licenzja lill-ebda parti li tikkommetti adulterju waqt li hija tkun ghadha mizzewga.*

*Dwar l-applikazzjoni tal-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kap 16 mitluba mir-ragel fil-konfront tal-mara l-konvenuta u tal-artikoli 48 ( c) u 55A tal-Kap 16 mitluba mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha kontra l-attur, jigi rilevat li l-artikolu 50 tal-Kodici Civili kien thassar u ma ghadux aktar fis-sehh filwaqt li l-Artikolu 55A ma japplikax stante li d-dar matrimonjali llum inbieghet u t-tifel tal-partijiet illum huwa maggorenni.*

*Dwar l-artikolu 48 tal-Kap 16 in vista li l-esponenti hija tal-fehma li dan ghandu japplika b'effett minn meta beda r-relazzjoni ma' Doreen Flask li jekk wiehed jikkonsidra li t-tifel li kellu l-attur ma' Doreen Flask twieled fis-16 ta' Novembru 2014 u cioe mis-16 ta' Frar 2014 zgur cioe disa xhur qabel weldet u minn dakinhar sal-lum ma jirrizultax li l-partijiet xtraw xi assi wara din id-data, tali artikolu lanqas ma huwa applikabbli. Veru li l-attrici llum ghandha tarbija minn relazzjoni li ghandha ma haddiehor izda dan gara ferm wara r-relazzjoni li beda l-attur u wara li l-partijiet kienu separati ' de facto'.*

*Dwar l-artikolu 51 tal-Kap 16 il-perit legali mhix tal-fehma li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu stante li l-eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kien hemm da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin."*

26. Da parti tagħha l-konvenuta tilmenta illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti hija kienet ressqet raġunijiet varji għalfejn l-apporzjonament tal-ħtija li waslet għalih il-perit legali ma kienx wieħed korrett iżda mingħajr ebda motivazzjoni dawk l-argumenti ġew skartati. Issostni li għalkemm hija taqbel li l-attur għandu jġorr l-akbar piż tal-ħtija, il-persentaġġ ta' 60% huwa baxx wisq. Tgħid illi kienet ir-relazzjoni *extra maritali* tal-attur ma' mara oħra li sfaxxat iż-żwieġ kompletament u fil-fatt il-Qorti tal-ewwel grad stess rabtet id-data tal-ħtija tal-firda mal-adulterju

tal-attur. F'dan ir-rigward il-konvenuta ssostni wkoll illi, fid-dawl ta' provi ndizzjarji li jinsabu in atti, il-Qorti tal-ewwel grad kellha tasal għall-konklużjoni li r-relazzjoni extra-maritali li għandu żewġha ilha għaddejja minn xhur qabel ma ġie kkonċepit iben l-attur mill-istess relazzjoni u għalhekk id-data tas-16 ta' Frar 2014, stabbilita mill-ewwel Qorti bħala d-data minn meta għandu japplika l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, żbaljata. Issostni wkoll li fiż-żwieġ kienet tkun soġġetta għal eċċessi, sevizzi u moħqrija mill-appellant. Dwar il-persentaġġ ta' ħtija attribwit lilha, il-konvenuta tilmenta li fis-sentenza appellata ma jirriżultax ċar fuq liema bażi hija ġiet meqjusa *in parte* responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ u lanqas ġie senjalat ebda aġir da parti tagħha li jista' jinkwadra fl-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. Tenfasizza wkoll li għalkemm in eskussjoni l-perit legali wieġbet illi l-'*entrapments ... ma ttihomx ħafna piż'* dan mhux rifless fl-attribuzzjoni tal-ħtija. Inoltre tikkontendi li fid-dawl tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, l-ewwel Qorti ma kellhiex teżerċita d-diskrezzjoni u tapplika l-Artikolu 48 fil-konfront tagħha. Kompliet li filwaqt li l-ewwel Qorti applikat is-sanzjonijiet taħt l-Artikolu 48 fil-konfront tal-attur, naqset milli tagħtihom effett konkret fil-likwidazzjoni.

27. Min-naħa l-oħra, permezz tar-raba' aggravju tiegħu l-attur jilmenta illi rigward il-kap tal-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ l-ewwel Qorti m'għamlet l-ebda eżami indipendenti u straħet biss fuq dak magħmul mill-perit legali li skontu huwa fallaċi u nkomplet u jonqos li jqis provi u ċirkostanzi ta'

importanza kbira. Isostni li l-konvenuta kellha tiġi allokata l-akbar parti tal-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ bejniethom u dan abbażi ta' messaġġi telefoniċi fejn hija tammetti li weġġgħetu bi kliemha, liema mġieba skontu tammonta għal moħqrija. Jirreferi ukoll għax-xhieda tiegħu a fol. 1092 fejn jgħid li r-relazzjoni tiegħu ma' Doreen Flask bdiet wara li ġew intavolati l-proċeduri odjerni u għalkemm dak iż-żmien kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali, ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet spiċċat tant li l-konvenuta informat lid-Dipartiment tat-Taxxi li huma kienu sparati *de facto* sa mill-1 ta' Lulju 2012 (fol. 483).

28. Mill-atti jirriżulta illi l-partijiet bdew jiffrekwentaw lil xulxin f'Ġunju tal-2001 meta l-attur kellu 17-il sena u l-konvenuta kellha 19-il sena.[9] Il-ġenituri tal-konvenuta laqgħuh id-dar sena wara, mhux għaliex ma kellhomx grazzja miegħu kif allegat minnu, iżda għaliex jemmnu li għandu jkun hemm stabbilita bejn il-koppja biex isir dan il-pass.[10]

29. Il-partijiet baqgħu jiffrekwentaw lil xulxin u f'Mejju tal-2006 xtraw *maisonette* iż-Żejtun[11] parzjalment imħallsa b'allegat self mingħand il-ġenituri tal-konvenuta li dwaru hemm kawża pendenti. F'Mejju tal-2007 xtraw ukoll garaxx taħt l-istess *maisonette*[12] li skont il-konvenuta tħallas interament minnha.[13] L-attur mar igħix fl-imsemmija residenza tliet xhur

[9] Fol. 820.
[10] Fol. 622.
[11] Fol. 1104 et seq.
[12] Fol. 968 *et seq*.
[13] Fol. 830.

qabel ma żżewġu fl-14 ta' Awwissu 2009. Dan minħabba allegat diżgwid li kellu mal-familja tiegħu.

30. Fi-lfatt, dakinhar tat-tieġ ħadd mill-familjari tal-attur ma kien preżenti. Ingħataw verżjonijiet differenti għalfejn dan ġara. Bħala stat ta' fatt, l-attur stess kien miġġieled minn magħhom. Inoltre, id-diverbji li huma jgħidu li kellhom mal-konvenuta dwar l-arranġamenti tat-tieġ huma ta' natura infantili. Apparti li ma kellhom l-ebda dritt jimponu x-xewqat tagħhom, finalment kienu huma li webbsu rashom u ddeċidew li ma jmorrux għat-tieġ ta' binhom/ħuhom.

31. Fit-12 ta' Lulju 2010 twieled iben il-partijiet. Il-konvenuta ħadet sena u xahrejn *unpaid leave* u irritornat għax-xogħol f'Settembru tal-2011. Matul dak il-perjodu l-attur kien jaħdem u jipprovdi għall-ħajja.[14] Fl-istess waqt il-konvenuta kellha ħafna għajnuna minn ommha.[15]

32. F'Jannar tal-2012 il-partijiet xtraw garaxx ieħor fiż-Żejtun,[16] allegatament imħallas minn flus parafernali tal-konvenuta u self mill-familjari tagħha.[17] Dan għaliex l-attur ried aktar spazju għall-vetturi tiegħu.

[14] Fol. 1108.
[15] Fol. 625.
[16] Fol. 972 et seq.
[17] Fol. 830 u 1109.

33. Ftit wara, f'Ottubru 2012 l-attur informa lill-konvenuta, permezz ta' avukat, li l-ħajja matrimonjali ma kinitx aktar possibbli.[18] L-attur iwaħħal fil-mod kif kienet titrattah il-konvenuta u dan isostnih b'messaġġi telefoniċi li skontu bagħtitlu l-konvenuta f'Ġunju u f'Awwissu 2013.[19] Messaġġi li l-konvenuta ma ċaħditx li bagħtithom u fihom tuża kliem baxx. Kliem li ma jagħmel ġieħ lil ħadd li jgħidu aħseb u ara għalliema. Veru li fin-nota ta' sottomissjonijiet argumentat li minn dawk il-messaġġi, *"2.9.4 ..... wieħed ma jistax jikkonkludi b'ċertezza illi dawn il-messaġġi ntbagħtu mill-esponent, u dan anke peress illi n-numru ta' min bagħat dawk il-messaġġi – konvenjentement tħalla barra"*. Argument li sar biss wara li ngħalqu l-provi, għalkemm li fir-ritratt tal-messaġġi jidher isem il-konvenuta.

34. Veru li l-messaġġi intbagħtu wara li l-attur qal lill-konvenuta li kien ser imexxi bis-separazzjoni. Għalhekk il-Qorti tista' tifhem li l-konvenuta ħaditha bi kbira. Madankollu f'dawk il-messaġġi l-konvenuta tagħraf li m'għenitx is-sitwazzjoni, u kellha n-nuqqasijiet tagħha. F'wieħed mill-messaġġi hi stess semmiet li kienet tgħajjat, tidgħi u tissuppervja. F'ieħor tikkonferma li kienet taħtaf lill-attur[20]. Kitbet *"L-affarijiet ma kinux sew. Kieku ma kontx inkun qisni l-indanata u dejjem naħtfek"*. Evidenti li lsien il-konvenuta jikkmandaha u dan id-difett tammettih ukoll f'messaġġ ieħor.[21] Jidher ukoll li ma kinitx iżżomm relazzjoni tajba mal-familjari tal-

---
[18] Fol. 385.
[19] Fol. 357.
[20] Fol. 1099.
[21] Fol. 361.

attur u din kompliet ma tgħinx is-sitwazzjoni. Minn messaġġ ieħor li l-konvenuta bagħtet lill-attur jirriżulta li kienu fittxew l-għajnuna u taċċetta li s-sitwazzjoni fiż-żwieġ ma kienet xejn faċli. Għalhekk nuqqasijiet kien hemm min-naħa tal-konvenuta li ħolqu diffikultajiet fiż-żwieġ u għandha ġġorr parti mir-responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ. Hu veru li fl-affidavit tat verżjoni ferm differenti ovvjament bil-għan li turi li kienet biss vittma tal-attur. Madankollu naqset milli tindirizza dak li hi stess kitbet fil-messaġġi. Pero` min-naħa l-oħra l-konvenuta kellha t-tama li d-diffikultajiet jitranġaw bi sforz taż-żewġ partijiet. Evidenti li l-attur kellu pjanijiet ferm differenti u kien qiegħed jibni ħajja li ma tinkludix lill-konvenuta.

35. Il-konvenuta qalet ukoll li għamlet minn kollox sabiex issalva ż-żwieġ.[22] Għalkemm l-attur ċaħad dan, il-messaġġi li hu stess ippreżenta ma jħallux dubju li l-konvenuta għarrfet li kellha nuqqasijiet u riedet li jirranġaw id-differenzi u jkomplu l-ħajja flimkien bħala familja.[23] Madankollu hu ċar li l-attur kellu pjanijiet oħra u fit-12 ta' Novembru 2013 ippreżenta ittra lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jitqabbad medjatur a tenur tal-Artikolu 9(1) tal-Avviż Legali 397/03. Missier l-attur stess xehed[24] illi meta bdew il-proċeduri tal-medjazzjoni, il-

[22] Fol. 835 punt 23.
[23] Fol. 361.
[24] Fol. 391 punt 15.

konvenuta kienet tmur għandhom tibki u tgħidilhom biex jikkonvinċuh sabiex ma jisseparax minn magħha. L-attur ma riedx jaf.

36. Dan wassal lill-konvenuta sabiex, tramite ittra mibgħuta mill-avukat tagħha fit-13 ta' Jannar 2014, informat lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex kull korrispondenza tiġi mibgħuta lilha f'indirizz Ħ'Attard.[25] Mhux minnu li fl-istess ittra hija nfurmat lill-Kummissarju tat-Taxxi li hija u żewġha ilhom *separati de facto* mill-2012, kif allegat mill-attur.[26] Dak li qalet kien iżda li hija u żewġha ilhom bil-problemi matrimonjali mill-1 ta' Lulju 2012 u li ntant kienu nfetħu proċeduri ta' medjazzjoni għal separazzjoni personali li jinstabu pendenti. Affermazzjoni li fiż-żmien li saret kienet fattwalment korretta.

37. Il-fatt li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tal-konvenuta, ma jfissirx li l-attur kien xi anġlu. Minn dak li xehdet il-konvenuta evidenti li l-attur ma kienx joqgħod lura u kellu wkoll in-nuqqasijiet tiegħu.

38. In kontro-eżami l-attur xehed li ltaqa' mas-sieħba tiegħu Doreen Flask, wara li beda l-proċeduri ta' separazzjoni.[27] Pero` ma qalx kif sar jafha u lanqas ta dettalji oħra. Mir-relazzjoni li għandu ma' Doreen Flask,

---

[25] Dok CIR III bejn fol. 495 u 496.
[26] Fol. 386 punt 28.
[27] Fol. 1092.

fis-16 ta' Novembru 2014 twieldet tarbija.[28] Dan kien ftit aktar minn xahar wara li l-attur ippreżenta l-kawża.

39. Mill-provi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-attur kien diġa` qiegħed f'relazzjoni ma' Doreen Flask meta beda l-proċess għas-separazzjoni b'tant determinazzjoni fit-12 ta' Novembru tal-2013 (ittra lir-Reġistratur a fol. 5) u ftit xhur wara l-partner spiċċat tqila bit-tarbija tiegħu. Madankollu, baqa' jgħix fl-istess dar flimkien mal-konvenuta u binhom sal-bidu ta' Mejju 2014 filwaqt li l-*partner* diġa` kellha tliet xhur tqala.[29] Dan kollu minn wara dahar l-attriċi, li min-naħa tagħha għamlitielu ċara li riedet li l-familja ma titkissirx. Sa qalet li tkellmet mal-avukat ta' fiduċja tiegħu, li nformaha sabiex ma tkellimx lil żewġha. Evidenti li l-attur kien qiegħed jibni ħajja oħra li ma tinkludix lill-konvenuta, li min-naħa tagħha spjegat b'mod ċar atteġġamenti differenti li beda jkollu l-attur.[30] F'perjodu qasir l-attur spiċċa ġo familja oħra u evidenti li ma riedx jaf iktar bil-konvenuta.

40. Issemma li dakinhar li l-attur telaq mid-dar minħabba li kien spiċċa l-isptar b'uġigħ f'sidru,[31] il-kaġun ma kien xejn għajr sitwazzjoni li ġab b'idejh huwa stess. Għalkemm skont l-attur il-psikjatra tal-isptar kien tal-fehma li kundizzjoni medika tiegħu kienet dovuta għall-fatt li kien qed

[28] Fol. 93.
[29] Fol. 825.
[30] Fol. 824.
[31] Fol. 387 para 35.

igħix fl-istess dar mal-konvenuta, dik id-dijanjożi kienet bla dubju bbażata fuq il-verżjoni li tah l-attur. Dan apparti li l-attur ma ressaqx l-aħjar prova, ċioe` l-psikjatra.

41. Jibqa' il-fatt li kienet ir-relazzjoni li l-attur qabad ma' Doreen Flask li tat id-daqqa mortali liż-żwieġ. Fiċ-ċirkostanzi l-attur m'għandux raġun jippretendi li din il-Qorti tikkonkludi li m'għandux ħtija. Kien hu li poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma setax ikompli ħajtu ma' martu, għaliex liberament għażel jidħol f'relazzjoni ma' mara oħra u għamel pjanijiet oħra għalih. Mill-provi li tressqu l-Qorti mhijiex konvinta li l-atteġġament ta' martu kien tali li ġab iż-żwieġ fix-xejn.

42. L-attur xehed li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet marret lura u r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom '*tista tgħid'* li waqfu.[32] Dan hu fatt u tikkonfermah il-konvenuta.[33] Pero` filwaqt li l-konvenuta ammettiet in-nuqqasijiet tagħha u sal-2013 kienet għadha qed turi r-rieda li tagħmel sforz sabiex il-partijiet isalvaw iż-żwieġ,[34] l-attur ma riedx jaf u kompla bil-pjanijiet tiegħu. Evidenti li f'dak l-istadju l-prijorita` tiegħu kienet il-ħajja personali tiegħu ma' Doreen Flask u mhux mal-konvenuta u binhom.

---

[32] Fol. 384 para. 13.
[33] Fol. 843 para. 13.
[34] Fol. 361.

43. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta argumentat li m'għandhiex ħtija għal dak li ġara. Jidher li nsiet li fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat quddiem l-ewwel Qorti, aċċettat li għandha ġġorr parti mill-ħtija għalkemm mhux f'proporzjon ta' 40% (ara paragrafu 2.9.1).

44. L-ewwel Qorti qasmet ir-responsabbilta` in kwantu għal 60% fuq l-attur u 40% fuq il-konvenuta. Hu veru li l-ewwel Qorti kkonfermat il-fehma tal-perit legali li meta l-attur beda r-relazzjoni ma' Flask, iż-żwieġ kien diġa` tkisser. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dik il-fehma. Kienet ir-relazzjoni li qabad l-attur ma' Doreen Flask li fl-aħħar mill-aħħar ġabet it-tmiem tal-ħajja miżżewġa. Il-konvenuta ċertament li kellha d-difetti tagħha u rrikonoxxiethom. Pero` min-naħa l-oħra l-provi juru li kienet disposta li tirranġa fejn hemm bżonn u riedet li l-familja tibqa' unita`. Mhux tal-istess fehma kien l-attur li kien pront qabad relazzjoni ma' mara oħra u kompla b'ħajtu qisu xejn mhu xejn. Wara li l-Qorti qrat l-atti m'hijiex konvinta li s-sitwazzjoni kienet daqstant intolleranti li bi ftit effort dan iż-żwieġ ma kienx jissalva. Ovvjament dan ma kienx possibbli għaliex ir-raġel kellu ħsibijiet oħra u għamel fattih. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hi sodisfatta li l-attur għandu jġorr iktar responsabbilta` minn dik li stabbiliet l-ewwel Qorti u li qiegħda tiġi maqsuma hekk, 75% għar-raġel u 25% għall-mara.

45. Verament li fil-mori tal-kawża l-konvenuta bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor u mingħandu kellha tarbija.[35] Iżda l-provi juru li dan kien ferm wara

[35] Fol. 1096.

li l-attur telaq lill-konvenuta biex ikompli b'ħajtu mas-sieħba l-ġdida tiegħu.[36]

46. Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' aggravju tal-attur u tilqa' it-tieni aggravju tal-konvenuta limitatament in kwantu għal dak dikjarat hawn fuq. Fir-rigward tas-sanzjonijiet tipprovdi li l-effetti tal-Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili għandhom japplikaw fil-konfront tal-attur mit-12 ta' Novembru 2013 (data meta beda l-proċeduri ta' medjazzjoni) meta l-Qorti hi konvinta li kien diġa` qiegħed f'relazzjoni ma' Doreen Flask. Fir-rigward tal-attriċi, fil-parti dispożittiva tas-sentenza qalet li s-sanzjoni għandha tapplika mis-16 ta' Frar 2014 li hi disa' xhur qabel it-twelid tat-tifel li l-attur kellu ma' Flask. Pero` l-Qorti ma spjegatx għalfejn, stante li f'dak iż-żmien kien l-attur li qiegħed f'relazzjoni adultera u mhux il-konvenuta. Għal dak li jikkonċerna l-konvenuta hu biss magħruf li f'xi żmien matul il-kawża bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor u kellhom tarbija. Minn rapport tal-Ispettur Johann Fenech jidher li dik ir-relazzjoni kienet diġa` teżisti fil-21 ta' Diċembru 2016. In kontro-eżami l-konvenuta kkonfermat li missier it-tieni wild tagħha hu Stephen Cachia.

<u>Kura, Kustodja u Aċċess.</u>

---

[36] Fol. 1108.

47. Permezz tat-tieni aggravju l-attur jilmenta li ġie mċaħħad mill-kura u kustodja ta' ibnu mingħajr raġuni xierqa. Isostni li ladarba ma jirriżultax li huwa għamel xi għemil li rrendih mhux idoneju li jipparteċipa fil-kura u kustodja ta' ibnu, din għandha tkun waħda konġunta għaliex dan '*huwa l-uniku rimedju li għandu ... li jibqa' jikkontribwixxi fil-ħajja edukattiva, u trobbija ġenerali tat-tifel.'* Dwar l-aċċess jilmenta li dak li ppropona fin-nota ta' sottomissjonijiet, ġie kompletament injorat mingħajr ebda raġuni.

48. Għalkemm in eskussjoni l-perit legali qalet illi l-kura u kustodja ta' iben il-partijiet għandha tkun fdata lill-ġenituri flimkien,[37] il-Qorti tal-ewwel grad fdat il-kura u kustodja f'idejn il-konvenuta. Deċiżjoni bażata fuq ir-raġuni illi sal-lum il-wild trabba prinċipalment magħha, ġie kkurat prinċipalment minnha, hija kienet qed tieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha tiegħu, kemm skolastiċi kif ukoll mediċi u mill-assjem tal-provi li l-omm uriet aktar responsabbilta` f'dak li jikkonċerna t-trobbija u l-edukazzjoni tat-tifel.

49. Dan huwa kollu minnu. Iżda huwa minnu wkoll li sallum il-kura u kustodja tal-minuri kienet f'idejn iż-żewġ partijiet.[38] Ma jirriżultax li fil-mori ta' dawn il-proċeduri dan il-fatt ħoloq problemi kbar. Verament illi l-missier dejjem ingħata aċċess għal ibnu u qatt ma kien hemm xi allegazzjoni ta' *parental alienation*. Pero` kuntrarjament għal dak li

[37] Fol. 1179.
[38] Fol. 6 – 7.

tippretendi l-konvenuta, dak il-fatt ma jfissirx li l-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun fdata unikament lilha.

50. Il-konvenuta tirreferi inoltre għal 'Dok 12' mal-affidavit tagħha li huwa kopja ta' ċertifikat mediku maħruġ mill-poliklinika ta' Raħal Ġdid meta, skont il-konvenuta, l-attur ħadu mingħajr ma nfurmaha. Filwaqt li l-ġenituri għandhom dejjem jikkomunikaw bejniethom dwar is-saħħa tal-ulied, dan iċ-ċertifikat juri li meta l-attur ra li ibnu kellu bżonn jiġi jarah tabib, huwa ħadu. Il-konvenuta ppreżentat ukoll rapport imħejji mill-psikologa Mariella Blackman fis-7 ta' April 2014. Dan ma ġiex maħluf u l-psikologa qatt ma xehdet. Għalhekk m'huwiex prova ammissibbli. F'kull każ huwa evidenti li l-konklużjonijiet huma bażati biss fuq dak li qaltilha l-konvenuta.

51. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn il-missier għandu jiġi mċaħħad li flimkien mal-omm ikollu l-kustodja ta' ibnu minuri. Konsegwentment, dan l-ilment qiegħed jintlaqa' b'dan illi, filwaqt li l-minuri għandu jibqa' jgħix mal-omm b'aċċess favur il-missier, il-kustodja tal-istess minuri għandha tibqa' f'idejn iż-żewġ partijiet. Peress li l-minuri jgħix mal-omm il-kura fdata lilha.

52. Dwar il-kwistjoni tal-aċċess favur l-attur, il-Qorti tal-ewwel grad iddeċidiet li dan għandu jkun kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn il-5.00p.m.

u s-7.30p.m. u '*sleepover'* mill-Ġimgħa għas-Sibt, jew mis-Sibt għall-Ħadd mill-5.00p.m. sal-5.00p.m.'

53. L-attur jilmenta li l-ewwel Qorti injorat għal kollox is-sottomissjonijiet tiegħu sabiex jingħata aċċess għal ibnu bil-mod segwenti:

i. kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-5:00pm sat-8:00pm matul ix-xhur skolastiċi, b'dan illi fil-vaganzi tas-sajf il-ħin jiġi estiż sad-9:00pm;

ii. fil-weekend ikun hemm *sleepover* darba mill-Ġimgħa mill-5:00pm sas-Sibt sas-7:00pm u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt mill-5:00pm sal-Ħadd sas-7:00pm;

iii. f'jum għeluq snin il-minuri, li jaħbat f'Lulju, l-aċċess ikun mill-5:00pm sad-9:00pm;

iv. f'jum għeluq snin il-missier mit-3:00pm sad-9:00pm;

v. f'jum il-Missier l-aċċess għal dak il-weekend isir mis-Sibt għall-Ħadd;

vi. fil-btajjel pubbliċi l-missier ikollu aċċess ta' *sleepover* ta' 24 siegħa u ċioe` mis-6:00pm ta' lejlet il-festa sas-6:00pm ta' jum il-festa b'mod alternat u ċioe` btala kull ġenitur;

vii. fil-vaganzi tal-karnival u fil-vaganzi ta' Novembru l-missier ikollu aċċess ulterjuri ta' sitt (6) sigħat;

viii. il-vaganzi tal-Għid u tal-Milied għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, b'dan illi fl-eventwalita` illi jkun hemm għaxart ijiem ta' vaganzi, il-minuri jqatta' ħamest ijiem ma' missieru salv id-dritt ta' telefonata kuljum mill-konvenuta għall-minuri;

ix. fl-eventwalita` li xi ħadd mill-partijiet ikollu xi okkażjoni, tieġ jew festin li għaliha jkun mistieden il-minuri, il-partijiet għandhom iċedu l-aċċess favur xulxin b'dan illi jiġi kkumpensat bi ġranet oħra ulterjuri;

x. d-dritt li jsiefer mal-minuri sa massimu ta' xahar fis-sena, basta li tali safar ma jinterferixxix mal-istudji skolastiċi tal-minuri.

54. Effettivament il-Qorti tal-ewwel grad ma qalet xejn dwar dan għajr illi l-minuri kien dam sakemm addatta ruħu għall-ħinijiet ta' aċċess diġa` in vigore, u għalhekk kienet tal-fehma li jkun fl-interess tal-istess minuri li jinżammu l-istess ħinijiet mingħajr tibdiliet, biex tinżamm l-istess rutina.

55. Fl-2014, meta ngħata d-digriet tal-aċċess, iben il-partijiet kellu erba' snin u għalhekk il-Qorti tifhem li ta' dik l-eta' seta` ħa ż-żmien tiegħu biex addatta ruħu. Iżda llum it-tifel għandu ħdax-il sena u ma ngħatat l-ebda raġuni li tista' tikkonvinċi lill-Qorti li ser ikun hemm problemi jekk it-tifel iqatta' iktar ħin ma' missieru. Fil-fatt, fil-mori tal-proċeduri l-minuri ġieli siefer ma' missieru, il-*partner* tal-missier u l-ulied li għandhom. Apparti hekk, f'dan il-każ, iż-żieda tal-ħin mal-missier tfisser ukoll żieda tal-ħin li l-minuri se jkun jista' jgawdi lil ħuh li twieled mir-relazzjoni bejn l-attur u l-partner tiegħu. Fiċ-ċirkostanżi, il-motivazzjoni tal-ewwel Qorti m'hijiex flokha.

56. Dwar it-talbiet tal-attur għat-tibdil fl-aċċess, il-konvenuta toġġeżżjona li matul il-ġimgħa dan jiżdied sat-tmienja ta' filgħaxija għaliex il-minuri jkun irid jipprepara għall-iskola l-għada. Il-Qorti tqis li l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet hija biss fuq nofs siegħa fil-ġranet li għandu l-aċċess. Fiċ-ċirkostanzi l-aċċess matul il-ġimgħa matul ix-xhur ta' skola ser jibqa' kif inhu. Fis-sajf m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandux jiżdied sad-9:00pm kif talab l-attur.

57. Il-konvenuta ssostni wkoll li l-aċċess matul is-sajf, festi pubbliċi u vaganzi oħra mhux prattikament possibbli għaliex hija għalliema u għalhekk tkun tista' tqatta' l-ħin mal-minuri filwaqt li missieru jkun xogħol. Tgħid inoltre li dan jista' jwassal għal nuqqas ta' stabbilita` fil-ħajja tal-minuri. Dawn ir-raġunijiet huma bla bażi u jservu biss ta' ostakolu sabiex it-tifel iqatta' iktar ħin ma' missieru. Il-konvenuta ssostni ulterjorment li f'għeluq sninu t-tifel ikollu l-eżamijiet annwali u li m'huwiex fl-interess tal-minuri li jsiefer mal-missier għal żmien twil billi jsibha diffiċli jadatta għal ċertu bdil fir-rutina.

58. Wara li kkunsidrat il-pożizzjoni taż-żewġ partijiet fid-dawl tal-atti proċesswali, il-Qorti tqis illi l-aċċess tal-missier għall-minuri għandu jiġi eżerċitat bil-mod segwenti:

i. kull nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-5:00pm sas-7:30pm matul ix-xhur tal-iskola, b'dan illi fil-vaganzi tas-sajf il-ħin jiżdied sad-9:00pm. B'dan li matul l-iskola jekk l-għada tal-aċċess jinzerta li l-minuri ma jkollux skola, l-aċċess fl-imsemmija ġranet ikun mill-5:00 pm sad-9:00 pm.

ii. fil-weekend għandu ikun hemm *sleepover,* darba mill-Ġimgħa fil-5:00pm sas-Sibt sal-5:00pm u l-ġimgħa ta' wara

mis-Sibt mill-5:00pm sal-Ħadd sal-5:00pm, kif ordnat mill-ewwel Qorti. Fil-vaganzi tas-sajf is-*sleepover* ikun sad-9pm.

iii. f'jum għeluq snin il-minuri l-attur ikollu aċċess għal ibnu mill-4:00pm sad-9:00pm.

iv. f'jum għeluq snin il-missier, jekk jinzerta f'ġurnata meta l-missier m'għandux aċċess, mill-5:00pm sas-7:30pm meta l-għada l-minuri jkollu skola u mill-5:00pm sad-9:00pm jekk l-għada ma tkunx ġurnata ta' skola;

v. f'Jum il-Missier l-aċċess għal dak il-weekend isir dejjem mis-Sibt għall-Ħadd. Min-naħa l-oħra, f'jum l-omm l-aċċess għal dak il-weekend ikun dejjem mill-Ġimgħa għas-Sibt sabiex il-minuri jkun jista' jqatta' Jum l-Omm mal-konvenuta;

vi. fil-ġurnata tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena u jum l-Għid, ikun hemm *sleepover* ta' 24 siegħa u ċioe` mis-6:00pm ta' lejlet il-festa sas-6:00pm ta' jum il-festa b'mod alternat u ċioe` btala kull ġenitur, b'dan illi kull festa partikolari trid tiġi alternata bejn il-partijiet minn sena għall-oħra. F'dan ir-rigward din is-sena, ikun hemm sleepover tal-Milied mal-missier, filwaqt li tal-Ewwel tas-Sena jkun mal-omm.

x. Matul il-vaganzi tas-sajf kull parti tista' ssiefer mat-tifel għal btala, u dan għall-perjodu ta' mhux iktar minn tnax-il jum. Ovvjament m'hemm xejn x'iżomm lill-partijiet milli jiftehmu mod ieħor.

Manteniment u spejjeż oħra relattivi għall-minuri.

59. Permezz tar-raba' aggravju l-attur jilmenta li l-manteniment għall-minuri ta' €300 fix-xahar oltre l-ispejjeż mediċi u edukattivi huwa eżaġerat. Min-naħa l-oħra l-konvenuta, permezz tat-tielet aggravju tagħha tilmenta illi l-ewwel Qorti naqset milli: (i) tagħti provvediment speċifiku għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni ta' iben il-partijiet; (ii) tieħu konjizzjoni tal-arretrati tal-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni pendenti u dovuti lilha mill-attur sa Ġunju 2017 fl-ammont ta' €189.30; u (iii) tieħu konjizzjoni tat-tweġibiet in eskussjoni tal-perit legali li kienet tal-fehma li l-arretrati għandhom jitħallsu bl-imgħax legali.

60. Fir-relazzjoni tal-perit legali, li fuqha straħet l-ewwel Qorti, ingħad żbaljatament illi iben il-partijiet huwa maġġorenni iżda għadu jistudja *full time.*[39] Dwar il-manteniment dovut għalih intqal:

> *"Fl-umli fehma tal-esponenti, ghalhekk, l-manteniment li ghandu jippercepixxi r-ragel versu ibnu ghandu jibqa dak stabilit mil-Qorti, permezz ta' digriet tal-4 ta' Awissu 2014 (fol 173 et) cioe s-somma ta'*

[39] Żball li ġie korrett in eskuzzjoni – vide fol. 1179 risposta għad-domanda numru 3.

*tlett mitt ewro (€300) oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha u li tali manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Dan tenut kont li d-dhul tal-partijiet huwa verosimili.*

*U dan kemm il darba it-tifel jibqa jirrisjedi mal-Omm u kemm-il darba t-tifel imur jghix ghal rasu waqt li jkun ghadu jistudju full time tali manteniment jibda jithallas direttament lit-tifel u jekk it-tifel imur jghix mal-missier, tali manteniment jibda jkun dovut mill-omm. F'kull eventwalita tali manteniment jibqa dovut sakemm t-tifel jibqa jistudja full-time jew sal-eta ta' tlieta (23) sena liema wahda tavvera ruhha lewwel. Nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha jibqghu dovuti milpartijiet b'mod ugwali bejniethom sakemm it-tifel jibqa jistudja fulltime jew sal-eta ta' tlieta (23) sena liema wahda tavvera ruhha lewwel"*

61. Minkejja li l-Qorti tal-ewwel istanza rat l-iżball tal-perit legali dwar il-fatt li iben il-partijiet għadu minuri u mhux maġġorenni, ma għamlet l-ebda konsiderazzjoni ulterjuri dwar il-manteniment għalih iżda laqgħet limitatament ir-raba' kontro-talba tal-konvenuta u ordnat lill-attur iħallasha manteniment għal ibnu fl-ammont ta' tliet mitt Ewro fix-xahar (€300) li għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jibqa' hekk jitħallas sakemm l-iben jagħlaq tmintax-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Iddeċidiet ukoll li f'każ li l-wild tal-partijiet jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jsir maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel b'dan illi jekk it-tifel jiddeċiedi li jmur igħix għal-rasu, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

62. Mill-atti jirriżulta li fis-sena bażi 2015 l-attur kellu paga gross ta' €24,109[40] filwaqt li fis-sena bażi 2016 kellu paga gross ta' €21,639[41] mill-impieg tiegħu ma' Stainless Steel Products Ltd. Magħdud ma' dan kellu ukoll dħul addizzjonali ta' €716 fis-sena bażi 2015[42] u ta' €578 fl-2016[43] minn impieg bħala *waiter part time.* Min-naħa l-oħra, fis-sena bażi 2014 il-konvenuta kellha introjtu ta' €23,324 gross. Għalhekk il-qligħ tal-partijiet hu simili.

63. Flimkien mal-affidavit tagħha, il-konvenuta ppreżentat prospett ta' spejjeż li tagħmel kull xahar għall-minuri.[44] Dawn jammontaw għal €899.66 u jinkludu deterġenti, ikel u xorb u spejjeż oħra relatati mal-MUSEUM, rigali, ħwejjeġ u attivita` extra-kurrikulari.

64. Il-Qorti tqis li wħud mill-ispejjeż elenkati huma xi ftit eċċessivi, eżempju ħwejjeġ tal-lbies fis-somma ta' €125 u żraben fis-somma ta' €70 fix-xahar huma ħafna u f'kull każ m'hemmx prova li l-konvenuta effettivament tonfoq din is-somma kull xahar. Ukoll, il-minuri ma jgħix waħdu d-dar iżda mal-konvenuta, il-*partner* tagħha u l-wild l-ieħor li kellha minn dik ir-relazzjoni. Għalhekk is-somma ta' €35 fix-xahar għal servizz tat-televixin u internet żgur m'hijiex isservi lit-tifel biss. Il-konvenuta

[40] Fol. 605.
[41] Fol. 606.
[42] Fol. 598.
[43] Fol. 599.
[44] Dok. 16 a fol. 957 *et seq*.

semmiet ukoll spejjeż ta' attivita` extra-kurrikulari li titlob separatament fl-istess aggravju.

65. Il-Qorti tqis għalhekk li l-ispiża fix-xahar tal-omm relattiva għall-ħtiġijiet tal-minuri hija aktar €700. Ovvjament iktar ma jgħaddu s-snin, l-ispejjeż jiżdiedu. Min-naħa l-oħra waqt l-aċċess mal-missier, dan tal-aħħar jipprovdi xi ftit għall-bżonnijiet ta' ikel u xorb għall-minuri.

66. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-manteniment ta' €300 li jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, huwa wieħed adegwat.

67. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti ma semmietx l-ispejjeż mediċi u edukattivi. M'hemmx dubju li dawn huma l-obbligi taż-żewġ ġenituri u għalhekk l-attur ikollu jagħti sehmu. L-ilment tal-konvenuta f'dan ir-rigward huwa ġustifikat u ser jintlaqa' b'dan li kull ħlas li tagħmel għal spejjeż mediċinali u edukattivi għandhom jirriżultaw minn riċevuti li jinħarġu mingħand min inxtraw l-oġġetti jew min ikun ta servizz. Dan jinkludi xiri ta' mediċini, visti għand professjonisti tas-saħħa, u privat. Ikun floku li ż-żewġ partijiet jiftiehmu billi jagħmlu *health insurance* għall-minuri u jaqsmu l-*premium* li jkollu jitħallas kull sena, u dan sakemm il-minuri jagħlaq tmintax-il sena.

68. Il-konvenuta tilmenta wkoll li, għalkemm il-Qorti tal-ewwel grad qablet mal-konklużjonijiet tal-perit legali, ma akkordatx l-arretrati fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Il-perit legali qalet:

> *"Il-konvenuta (fol 10 et affidavit taghha seduta 3.7.2017) tghid li sa' Gunju 2017 (Para C Il-Manteniment tat-Tifel) huwa ghandu jaghtiha is-somma ta' €180.31 nofs l-ammont li hargitlu ta' spejjez relatati ma edukazzjoni u sahha tat-tifel.*
>
> *Tali spejjez huma dovuti mir-ragel lill-mara u fl-umli fehma tal-esponenti tali spejjez hemm bzonn li l-Qrati taghna jibdew jordnaw li dawn ikunu bl-imghax legali tal-anqas mis-sena li saru dovuti tenut kont li dawn huma spejjez ghal gid tat-tifel tal-partijiet u li kieku ma kienx ghall-omm kieku t-tifel kien ibati."*

69. Skont l-affidavit tal-konvenuta,[45] l-arretrati dovuti lilha jammontaw għal €189.31 mhux €180.31. L-attur argumenta li dawn l-arretrati jirrappreżentaw irċevuti li l-konvenuta għaddietlu matul is-snin mingħajr spjegazzjoni dwar x'kienu jirrappreżentaw.

70. Rendikont tal-pretensjonijiet tal-konvenuta jinsab a fol. 880 *et seq* li tikkonsisti f'korrispondenza mibgħuta lill-attur matul iż-żmien. L-attur ma kellux raġuni valida għalfejn ma ħallasx. Hu minnu li ċertu rċevuti ta' spiżeriji fihom biss miktub '*goods'* u fuqhom miktub x'jirrappreżentaw bil-kitba, iżda ħafna minnhom fihom id-dettalji meħtieġa biex ikun jaf għaliex saru. F'kull każ, hemm ir-riċetta tat-tabib għal mediċini li żgur ma nxtrawx b'xejn. Dawn l-arretrati ser jingħataw bl-imgħax mid-data tal-ewwel sentenza.

[45] Fol. 829.

71. Il-konvenuta tilmenta wkoll li ma kienx hemm pronunzjament dwar l-ispejjeż ta' attivitajiet extra-kurrikulari. F'paragrafu 2.1.15 ma qalitx x'inhuma dawk l-ispejjeż għalkemm fid-dokument a fol. 958 qalet li huma €50 kull xahar li jikkonsistu *"(Sports/Summer School)"*. Tippretendi li l-attur għandu jħallas nofs l-ispejjeż ta' attivita` extra-kurrikulari fis-sajf u waħda fix-xitwa għall-minuri. L-attur joġġezzjona għal din it-talba għaliex huwa tal-fehma li tali spiża diġa` koperta bil-mateniment li jħallas u qal li m'huwiex f'kundizzjoni finanzjarja li jħallas iktar.

72. Il-Qorti ma tqisx li din hija xi talba straordinarja in vista taċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-partijiet li ppermettewlhom isiefru kemm-il darba mal-minuri. Kif diġa` ingħad, il-partijiet għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess qligħ. Inoltre, kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta għandhom ulied minn relazzjonijiet ma' terzi u għalhekk it-tnejn li huma għandhom l-ispejjez ta' trobbija għal wild ieħor.

73. Madanakollu l-Qorti tqis ukoll li, fejn sal-preżent il-partijiet kienu jipperċepixxu nofs iċ-*children's allowance* kull wieħed, permezz tal-<u>ħames aggravju</u> l-konvenuta titlob li ċ-*childrens' allowance* tibda titħallas interament lilha. Dan b'referenza għall-*proviso* tal-Artikolu 76 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur joġġezzjona u jsostni li ċ-*children's allowance* trid tinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

74. L-artikolu tal-liġi nvokat mill-konvenuta jgħid li għandu jkun id-dritt ta' kull tifel f'kull familja li jkollu allowance imħallsa dwaru, u li:

> *"Mill-1 ta' Jannar 2018, il-pagament ta' din l-allowance għandu jibda jitħallas lill-ġenitur li jkollu l-kura u l-kustodja effettiva, u li miegħu jkunu qegħdin jirrisjedu t-tfal.'*

75. F'dan il-każ, għalkemm il-Qorti diġa` kkonkludiet li l-kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta bejn il-partijiet, l-istess minuri se jkun qiegħed jgħix prinċipalment mal-omm. Għalhekk, għandha tkun hi li tirċievi l-ħlas taċ-*children's allowance* relattiva għalih.

76. Skont Dok DSS(a) a fol. 505, qabel bdiet il-kawża l-konvenuta kienet tipperċepixxi *children's allowance* fis-somma ta' madwar €450 annwalment. Sussegwentement beda jitħallas biss nofs il-benefiċċju lilha li fl-2015 kien fis-somma ta' €230.79, u nofs il-benefiċċju lill-missier iżda pagabbli lill-*partner* tal-missier skont il-proċedura tad-Dipartiment.

77. F'dan il-każ l-attur ser ikun qiegħed jagħti manteniment għall-minuri u jħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, filwaqt li *children's allowance* ser tibda titħallas kollha lill-konvenuta. Għalhekk l-ispejjeż ta' attivita` extra-kurrikulari tal-minuri għandhom jitħallsu mill-konvenuta diment li tibqa' tirċievi ċ-*children's allowance* għat-tifel. Fl-eventwalita` li ma tkomplix tirċievi ċ-*children's allowance*, il-partijiet jistgħu jaslu fi ftehim fl-interess tal-minuri jew jitolbu l-intervent tal-Qorti fin-nuqqas ta' ftehim.

Komunjoni tal-Akkwisti.

78. Issa ser jiġu kkunsidrati s-sitt u s-seba' aggravji tal-konvenuta u l-ħames, is-sitt u s-seba' aggravju tal-attur. Sabiex tiġi evitata repetizzjoni bla bżonn, dawn l-aggravji ser jitqiesu flimkien u skont il-materja.

79. Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti l-ewwel Qorti ddeċidiet:

(i) laqgħet ir-raba' talba tal-attur u llikwidat il-Komunjoni tal-Akkwisti '*skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti.*'; u

(ii) ddeċidiet is-sitt talba tal-kontro-talba tal-konvenuta billi laqgħet *'it-talba għall-likwidazzjoni u xoljiment tal-istess komunjoni skont dak indikat fit-Titolu Dwar it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'* u ordnat li *'s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba għandhom japplikaw għal dak li jirrigwarda limitatament l-artikolu 48(c) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.';*

(iii) laqgħet it-tmien talba tal-attur u kkundannat lill-konvenuta sabiex tikkonsenja fi żmien qasir l-oġġetti parafernali tar-rikorrenti *'skont kif elenkat tat it-titlu Assi Parafernali tar-rikorrent.*'; u

(iv) Iaqgħet it-tmien kontro-talba u ordnat lir-rikorrent jikkonsenja lill-konvenuta '*l-beni kollha parafernali, ossija l-valur tagħhom, skont kif indikat fit-Titolu Assi Parafernali tal-Konvenuta.*'

80. Il-konvenuta sewwa osservat li fis-sentenza appellata m'hemmx parti li tibda bit-titlu '*it-Terminazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'.* Dan kuntrarjament għal dak li ddikjarat l-ewwel Qorti fil-parti dispożittiva tas-sentenza. Il-parti rilevanti tar-rapport fejn ġiet ikkunsidrata l-komunjoni tal-akkwisti tibda bit-titlu: '*Xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti*' (ara fol. 17 tar-rapport). Għalhekk il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet qiegħda tirreferi għal dik il-parti tar-rapport.

81. Lanqas it-titolu '*Assi Parafernali tal-Konvenuta'* ma jeżistu fir-rapport. Filwaqt li jeżisti t-titolu *"(14) Assi parafernali tal-attur"* (fol. 28 tar-rapport), tissemma biss dar li l-attur xtara ma' Doreen Flask b'kuntratt tas-6 ta' April 2016 u fir-rigward ta' liema akkwist l-attur u l-partner ħadu self mingħand il-Bank of Valletta. Fir-rapport m'hemmx parti bit-titolu *"Assi parafernali tal-konvenuta"*. Li hemm hi dik il-parti bit-titolu *"(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta"* (ara fol. 22 tar-rapport), kif ukoll parti oħra bit-titolu *"(12) Kreditu parafernali tal-attur*" (ara fol. 25 tar-rapport).

*Il-vetturi.*

82. Fir-rapport saru dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"**(5) Vetturi***
>
> *A fol 228 l-konvenuta tikkontendi li fiz-zwieg l-attur xtara s-segwenti vetturi:*
> *...*
>
> *Qorti hatret lil Q Camilleri bhala 'car assessor' u a fol 314 huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu u stmaha dawn il-vetturi kif gej:*
>
> *Ford Escort numru ta' registrazzjoni LAM787 €500;*
> *Ford Cortina numru ta' registrazzjoni GAD479 €2500;*
> *Ford Escort numru ta' registrazzjoni JAP127 - €1000;*
> *Ford Transit numru ta' registrazzjoni LAF298 €2000;*
> *Ford Escort numru ta' registrazzjoni JBD-139 €1000.*
>
> *...*
>
> *Il-perit legali ma ghandhiex ghalfejn tiddubita l-istimi moghtija mill-espert tal-Qorti u ghalhekk fil-fehma taghha l-attur ghandu jghaddi lil konvenut is-somma ta' €3500 nofs il-valur ta' dawn il-vetturi.*
>
> *Veru li l-attur ipprezenta dokumenti li juru li l-vetturi LAF298 u JBD139 €1000 huwa bieghhom anqas, izda ta' dan ma ghandhiex tbaghti l-konvenuta. Dwar il-vetturi JTR-094 u MAD-160 licenzjati fuq terzi ebda prova ma ngabet li turi li tali vettura JTR-094 tappartjeni lill-attur.*
>
> *Mentri dwar l-vettura MAD-160 il-konvenuta pprezentat Dok 25 (seduta 3.7.2017) sett ta' ritratti u messaggi fuq facebook biex turi li din l-vettura hija effettivament tal-attur. Tenut kont li din l-vettura ilha registrata fuq terzi qabel ma zzewgu l-partijiet u li l-messaggi esebiti f'Dok 25 juru bic-car li tali vettura effettivament tappartjeni lill-attur ghax kieku ma jmurx jiddandan biha, hija l-fehma tal-perit legali li tali vettura ghandha ssir stima taghha tal-15 ta' Ottubru 2015 meta giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti u l-attur jghaddi nofs il-valur ta' din il-vettura lill-konvenuta."*

83. Permezz tas-sitt aggravju l-konvenuta tilmenta illi minkejja skont ir-rapport kellha ssir stima tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni MAD 160 fil-15 ta' Ottubru 2015, dan ma sarx. Titlob li l-valur tal-istess għandu jkun

issa bbażat fuq il-*Vehicle Value Guide* hekk kif talbet b'rikors tat-30 ta' Awwissu 2019.

84. L-attur jsostni li l-vettura ilha mis-sena 1999 reġistrata f'isem terzi, jew aħjar minn qabel iżżewġu l-partijiet u għaldaqstant ma tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Żied li r-rikors li għalih tirreferi l-konvenuta ġie miċħud fit-18 ta' Settembru 2019.

85. Il-vettura MAD 160 hi Hyundai Lantra Coupe tal-1997 u f'xi żmien kienet reġistrata f'isem Paul Bugeja li l-Qorti fehmet li hu missier l-attur. F'ritratt li l-konvenuta niżżlet mill-*facebook page* tal-attur, tidher il-vettura u taħt isem l-attur hemm il-kliem *"For sale full extras in good condition"*. F'post ieħor datat 18 ta' Novembru 2013 hemm il-kliem, *"My toy"*.[46] Mir-ritratti hu evidenti li hi vettura armata u l-attur kien kuntent ħafna biha. Għalkemm hu minnu li hi vettura tas-sena 1999 u għalhekk għandha iktar minn għoxrin sena, jibqa' il-fatt li għand l-attur kienet miżmuma tajba ħafna u mir-ritratti hu evidenti li kienet vettura għand persuna (l-attur) li hu dilettant tal-karozzi.

86. Issir referenza għall-fol. 1192 sa 1210 u 1224 sa 1237 minn fejn jirriżulta li għalkemm oriġinarjament l-ewwel Qorti laqgħet[47] it-talba tal-

---

[46] Fol. 1232.
[47] Fol. 1204.

attriċi[48] sabiex Roderick Camilleri jiġbor id-dettalji meħtiega li hemm Transport Malta dwar il-vettura sabiex issir stima, jirriżulta li l-vettura kienet ġiet trasferita lil terzi u dak li ordnat il-Qorti qatt ma twettaq. Fil-fatt uffiċjal tal-Awtorita` xehed li l-aħħar trasferiment tal-vettura MAD 160 sar fl-14 ta' Jannar 2016.[49] M'hemmx prova li dik il-vettura kienet xi darba reġistrata f'isem l-attur.

87. Sussegwentement, il-konvenuta talbet[50] lill-Qorti sabiex tinkariga lill-istess espert jagħti stima tal-istess abbażi ta' informazzjoni miżmuma minn Transport Malta fil-kuntest tal-*Vehicle Value Guide* maħruġ mill-Malta Insurance Association għas-sena 2015. Din it-talba ġiet miċħuda '*għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta'.*[51] Fiċ-ċirkostanzi żgur li l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħti l-ordni li ssuġġerit il-perit legali.

88. Hu veru li m'hemmx il-prova li matul iż-żwieġ l-attur ħallas xi flus biex akkwista dik il-vettura, u qatt ma kienet reġistrata f'ismu. Pero` mill-kopja tal-*log book* li ppreżentat l-attriċi mar-rikors jirriżulta li l-vettura kienet għal xi żmien reġistrata f'isem Paul Bugeja, li hu missier l-attur. Konklużjoni li l-Qorti tasal għaliha min-numru tal-karta tal-identita` li hemm fil-log book li hu identiku għan-numru tal-karta tal-identita` stampat fl-affidavit ta' Paul Bugeja a fol. 388.

---
[48] Fol. 1193.
[49] Fol. 577.
[50] Fol. 1224.
[51] Fol. 1237.

89. L-indikazzjoni hi li l-vettura ġiet reġistrata f'isem Paul Bugeja fl-14 ta' Novembru 2013 peress fil-logbook a fol. 1230 hemm dik id-data fejn hemm il-kliem, *'Data tal-aħħar bidla tas-sid'*. Proprju meta l-attur beda l-proċeduri fil-qorti għas-separazzjoni. Mill-provi li ressqet il-konvenuta mar-rikors m'hemmx dubju li l-vettura kienet fir-realta` tal-attur u kienet reġistrata f'isem missieru bħala *prestanome*. Kieku kien mod ieħor l-attur ma kienx jikteb *"my toy"* u jirreklamaha għal bejgħ. Konvenjenti ħafna għall-attur li joqgħod jinħeba wara l-fatt li l-vettura m'hijiex reġistrata f'ismu. Pero` il-provi juru mod ieħor.

90. Id-domanda li tqum hi jekk il-vettura inxtratx qabel jew wara ż-żwieġ? L-indizji huma li nxtrat fiż-żwieġ. F'kull każ l-attur ma ressaqx prova biex juri li l-vettura nxtrat qabel iż-żwieġ. Skont l-Artikolu 1321 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li dak kollu li jippossjedu l-partijiet hu preżunt li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

91. L-ewwel Qorti li bbażat is-sentenza fuq ir-rapport tal-perit legali, ma qalet xejn dwar din il-vettura ċioe` il-valur tagħha. Fir-rikors li ippreżentat l-attriċi fit-30 ta' Awwissu 2019 a fol. 1224, qalet li l-valur tal-vettura *"għandu jkun miżerjament ta' EUR1,000"*. Il-Qorti hi tal-fehma li dik is-somma hi meta tqis il-kundizzjoni li fiha kienet miżmuma u l-attur hu dilettant tal-karozzi. Madankollu ġialadarba ma saritx stima tal-vettura

ser tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) bħala l-valur tal-vettura.

92. Għaldaqstant, tilqa' is-sitt aggravju tal-konvenuta dwar il-vettura MAD-160 sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq.

93. Il-parti tar-rapport li jitratta dwar il-vetturi hi wkoll il-meritu tal-ħames aggravju tal-attur. Jilmenta mill-fatt li s-sentenza appellata tistrieħ fuq ir-rapport tal-perit legali li straħet fuq l-istima ta' Roderick Camilleri. Ilmenta li l-istima saret meta l-vetturi kienu diġa` inbiegħu. Isostni li l-ewwel Qorti kellha minflok timxi fuq il-prezz tal-bejgħ kif minnu spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet skartata mill-ewwel Qorti.

94. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur kien argumenta illi:

i. il-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni JAP 127, stmata €1000, inbiegħet meta l-partijiet kienu flimkien u r-rikavat tgawda mit-tnejn li huma;

ii. il-vettura Ford Transit numru ta' registrazzjoni LAF 298, stmata €2000, u a fol. 238 hemm riċevuta għal €700;

iii. il-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni JBD 139, stmata €1000, u a fol. 239 hemm riċevuta li nbiegħet €300; u

iv. għall-vettura Ford Cortina numru ta' registrazzjoni GAD 479, stmata €2500, huwa jħallas l-assigurazzjoni, il-liċenzja u l-manutenzjoni tagħha hu apparti li jħallas garaxx fejn tinżamm;

95. Dwar il-Ford Escort numru ta' registrazzjoni LAM 787, stmata €500, l-attur m'għandux oġġezzjoni.[52] Skont ir-relazzjoni ta' Roderick Camilleri a fol. 314 et seq., il-vettura Ford Cortina numru ta' registrazzjoni GAD 479 ġiet spezzjonata u stmata €2,500. Il-Qorti tqis li l-flus li seta' ħallas l-attur għall-assigurazzjoni u manutenzjoni tagħha qabel ma ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti huma flejjes tal-istess komunjoni u għalhekk ma jistax isir it-tnaqqis pretiż mill-attur fir-rigward. Il-Ford Escort numru ta' registrazzjoni JAP 127, il- Ford Transit numru ta' registrazzjoni LAF 298, u Ford Escort numru ta' registrazzjoni JBD 139 kienu laħqu nbiegħu mill-attur. L-espert ġudizzjarju spjega li l-istima li għamel hi approssimattiva.

[52] Fol. 232.

96. Skont il-konvenuta, il-vettura Ford Escort numru ta' registrazzjoni JAP127 ġie mibjugħa fis-27 ta' Novembru 2012 mingħajr ma kienet taf. Dak iż-żmien l-attur kien diġa` wera l-intenzjoni li jissepara minn mal-konvenuta. Għalkemm il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet għadha fis-seħħ, m'hemm l-ebda prova li mir-rikavat gawdew it-tnejn kif allegat mill-attur.

97. Fir-rigward tal-vetturi Ford Transit numru ta' registrazzjoni LAF 298, u Ford Escort numru ta' registrazzjoni JBD 139, l-ewwel Qorti straħet fuq stima '*approssimattiva'* tal-espert ibbażata fuq il-mudell u s-sena kif ukoll fuq il-fatt li dawn il-vetturi kienu tajbin għat-triq meta nbiegħu. Minkejja li d-diskrepanza bejn il-valur stmat u l-allegat valur tal-bejgħ hija waħda netta, domandi in eskussjoni ma sarux. Inoltre, l-irċevuti a fol 238 u 239 ma ġewx konfermati mill-akkwirenti firmatarji. Dan apparti l-bejgħ sar mhux bl-involviment tal-konvenuta li ma kellha l-ebda mezz kif tikkontrolla b'dak li għamel l-attur.

98. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

*Immobbli.*

99. Dwar l-immobbli, is-sentenza appellata straħet fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***“(7)Immobbli***

*(a) fond 39 Afrodite Triq Hal Gwann Zejtun*
*Mill-atti jirrizulta li tali fond llum inbiegh permezz ta’ kuntratt tal-31 ta’ Mejju 2017 atti Nutar Antonella Navarro (dok 26 anness malaffidavit tal-konvenuta seduta 3.7.2017) ghal prezz ta’ €175,000 inkluz il-mobbli.*

*Skond l-istess kuntratt l-partijiet ircevew is-somma ta’ €17,500 u li l-konvenuta obbligat ruhha li thallas l-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti sal-31 ta’ Mejju 2017.*

*A fol 276 jirrizulta li permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 93/2017 in-Nutar Antonella Navarro ddepozitat is-somma ta’ €41,879.22 li minnhom €588.46 huma spejjez tal-Qorti u ghalhekk is-somma netta depozitata hija ta’ €41,290.76*

*(b) zewg garixxijiet fi Triq Hal Gwann Zejtun*

*Il-partijiet ghandhom ukoll f’sehem indiviz bejniethom zewg garaxxijiet t-tnejn jinsabu fl-istess triq cioe wiehed jinsab 39 garage numru 3 u l-iehor jinsab garage numru 39 garage numlu 1 Triq Hal Gwann Zejtun.*

*Dwar il-garage ta’ taht id-dar cioe numru 39, garage numru 3 Triq Hal Gwann Zejtun l-istess Perit Farrugia stmah bhala li ghandu valur ta’ tmienja u ghoxrin elf ewro (€28,000) u l-garage l-iehor li jinsab numru 39, garage numru 1 Triq Hal Gwann, Zejtun ghandu valur ta’ tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) (kuntratt tal-akwist Nutara Sandra Bugeja 13 ta Jannar 2012 Dok 23 seduta 3.7.2017) . Tali stimi saru fl-20 ta’ Jannar 2014 u gew mahlufa mill-Perit Johann Farrugia fis-seduta tal-11 ta’ Gunju 2015.*

*Fin-nota guramentata tieghu (seduta 11.6.2015) l-attur jiddikjara li huwa jixtieq li tali fond u garaxxijiet jinbieghu, jithallas id-dejn li hemm fuq dawn iz-zewg proprjetajiet u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Illum il-fond inbiegh u jonqos biss dawn iz-zewg garaxxijiet x’jinbieghu.*

*Fl-istess seduta tal-20 ta’ Jannar 2017 il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-garage ta’ taht id-dar (garage numru 3) ghandu valur ta’ sebgha u tletin elf ewro (€37,000) filwaqt li l-garage l-iehor (garage numru 2) ghandu valur ta’ tletin elf ewro (€30,000) u li ghandhom jinbieghu u mir-rikavat ghandhom jithalsu s-somma ta’ €3800 lil missier ilkonvenuta u oht il-konvenuta Vanessa Micallef konguntivament (skond kif ser tirrelata dwar dan il-perit legali f’paragrafu 10 Ta’ din ir-relazzjoni ) u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.”*

100. Dan huwa l-mertu tas-<u>sitt</u> kif ukoll tat-<u>tmien aggravju</u> tal-konvenuta.

101. F'dak tal-ewwel tikkontendi li fir-rigward taż-żewġ garaxxijiet, il-Qorti tal-ewwel grad naqset li tikkunsidra t-tweġibiet in eskussjoni li tat il-perit legali fejn din tal-aħħar qablet li għandu jkun hemm ordni li dawn il-garaxxijiet jitpoġġew għall-bejgħ fis-suq miftuħ mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas jinbiegħu taħt l-awtorita` tal-Qorti, kif ukoll penalitajiet fl-eventwalita' li parti tirrifjuta tersaq għall-konvenju jew għall-att finali.

102. L-attur ma jaqbilx mal-proposta tal-konvenuta sabiex il-garaxxijiet jinbiegħu b'irkant f'każ li jibqgħu fuq is-suq għal perjodu ta' iktar minn sentejn. Dan għaliex hemm ċans li jinbiegħu bi prezz ferm inferjuri għall-valur stmat.

103. Il-Qorti rat id-domanda numru 12 a fol. 1176 u r-risposta tal-perit legali a fol. 1180 fejn qalet li l-garaxxijiet jistgħu jinbiegħu jekk l-ebda parti m'hi interessata tbigħ sehem il-parti l-oħra.

104. Il-Qorti ser tagħti lill-partijiet żmien ta' sena mil-lum sabiex ibiegħu l-garaxxijiet jew alternattivament jaslu fi ftehim li xi ħadd minnhom jakkwista s-sehem tal-parti l-oħra. Kif inbiegħet id-dar il-partijiet m'għandhomx ikollhom diffikulta` biex ibiegħu l-garaxxijiet. Jekk sa żmien sena mil-lum ikun għadu ma ġiex reġistrat u ffirmat konvenju li eventwalment iwassal għall-bejgħ tal-immobbli, il-garaxxijiet jinbiegħu bl-

irkant taħt l-awtorita` tal-qorti. Ovvjament dan wara li jinħatar perit biex jagħmel stima tagħhom fiż-żmien rilevanti.

105. Permezz tat-tmien aggravju, punt 15.2(a), il-konvenuta tilmenta illi l-ewwel Qorti skartat ir-risposti in eskussjoni tal-perit legali għal dak li jirrigwarda s-sehem tal-partijiet mid-dar matrimonjali depożitati fil-Qorti permezz ta' żewġ ċedoli f'isem il-partijiet. Illum hemm somma ta' €41,290.76 depożitata f'isem kull parti. Il-prezz kien ta' €175,000.

106. Il-konvenuta staqsiet lill-perit legali jekk taqbilx li l-flus depożitati jiġu żbankati mill-parti li favur tagħha ġew depożitati, *"...... salv għal ħlas tal-ammonti stabbilit minnek li għandhom jitħallsu lil parti jew oħra fir-relazzjoni tiegħek"*. Il-perit legali wieġbet, *'naqbel'*. Is-somma ta' €17,500 li semmiet l-ewwel Qorti kienet biss id-depożitu.[53] Il-Qorti rat ukoll iċ-ċedola ta' depożitu numru 93/2017 a fol. 276 fis-somma ta' €41,290.76 favur l-attur u fit-tweġiba tal-appell ma jirriżultax li kkontesta dan l-aggravju.

107. Il-Qorti tordna li l-flus depożitati fil-Qorti li huma rikavat tal-bejgħ tad-dar 39, Afrodite, Triq Ħal Ġwann, Zejtun għandhom jinqasmu bil-mod kif ġew depożitati fil-Qorti. B'dan li kwalsiasi kreditu li skont is-sentenza parti għandha fil-konfront tal-parti l-oħra għandu l-ewwel jitħallas minn

[53] Fol. 980.

dawk il-flus, u l-bilanċ jiġi liberament żbankat mill-parti li favur tagħha ġie depożitat l-qligħ mill-bejgħ tad-dar.

*Dejn mal-familjari tal-konvenuta.*

108. Il-partijiet jilmentaw ukoll dwar dik il-parti tar-rapport bit-titolu *"(1) Dejn tal-familjari tal-konvenuta"*;

> *"**(10) Dejn mal-familjari tal-konvenuta***
>
> *Fl-affidavit taghha l-konvenuta (seduta 3.7.2017) tghid li meta xtraw id-dar fil-25 ta' Mejju 2006 atti Nutar Vanessa Pool, (dok 21 seduta 3.7.2017) l-genituri taghha selfuhom LM6,000 cioe €13,976.24 cioe LM3000 kull wiehed li thalsu direttament lil bejjiegha L M u li hija taghha halstihom lura lil genituri taghha, anzi halsithom €1388 zejda stante li halsithom €6988.12 meta fil-fatt kellha thallashom skond hi €5,600.*
>
> *Il-perit legali ma tistghax taqbel mal-konvenuta f'dan ir-rigward stante li nofs is-somma dovuta minnha kien ta' €6988.12 (la s-self kien ta' LM3000 cioe €13,976.24) u ghalhekk ebda ammont ma hija halset zejjed.*
>
> *Dwar l-allegat sehem l-atturi, jirrizulta li l-genituri tal-konvenuta kellhom jifthu kawza kontra l-attur li ghadha pendenti quddiem ilMagistrat Dr C Farrugia Frendo.*
>
> *Bhala dejn l-genituri tal-partijiet ipprezentaw skritturi ta' self ta' LM6000 datata 23 ta' Mejju 2006 li ghamlu lil partijiet meta xtraw iddar matrimonjali (Dok 17 seduta 3.7.2017) u self iehor li sar minn missier u oht il-konvenuta Vanessa lill-attur fl-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3800) biex ikun jista l-garage li jinsab f'livell semi basement fiz-Zejtun.*
>
> *Galadarba hemm kawza pendenti dwar s-self li l-genituri tal-konvenuta allegatament selfu lill-attur qabel iz-zwieg sabiex il-partijiet ikunu jistghu jixtru d-dar matrimonjali, l-perit legali mhix ser tidhol f'din il-kwistjoni.*
>
> *Dwar is-self l-iehor ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) li missier u oht il-konvenuta Vanessa Micallef jghidu li selfu lill-attur biex jixtri t-tieni garage, bhala provi gie prezentat l-kuntratt tal-akwist tat-13 ta' Jannar 2012, il-pagament li sar lil bejjiegh Mary Attard fl-ammont ta' hdax il elf u mitejn ewro (€11,200) liema cheque hareg mil-kont talkonvenuta u x-*

*xhieda tal-konvenuta, u ta' missierha u ohtha Vanessa Micallef (seduta 24.3.2017, u 3.7.2017).*

*Ghalkemm il-konvenut jichad dan kif jichad is-self ukoll li allegatament sar fid-dar matrimonjali, fl-umli fehma tal-perit legali hija taghzel biex temmen lill-konvenuta , lil missierha u lil ohtha Vanessa meta xehdu dwar dan is-self u li ghalhekk tali somma hija dovuta mil-partijiet.*

*<u>Ghaldaqstant meta jinbiegh dan il-garage li jinsab numru garage 39 garage numru 1 Triq Ħal Ġwann, Żejtun, mir-rikavat l-ewwel jithalsu missier u oht il-konvenuta Vanessa Micallef is-somma ta' €3800 u l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-parti</u>"*

109. Permezz tat-<u>tmien aggravju</u> (paragrafu 15.2(b) tar-rikors tal-appell), il-konvenuta tilmenta li fuq domanda in eskussjoni tal-attur, il-perit legali kkonfermat li ħadet żball f'paragrafu 8 tar-rapport tagħha, liema korrezzjoni l-ewwel Qorti ma qisitx. L-appellanti tikkontendi li d-dejn mal-familjari tagħha għandu jitqies bħala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.

110. Għalkemm ma tgħidx dan espressament, il-Qorti tifhem li l-konvenuta qed tirreferi għal domanda ħamsa a fol. 1183 u r-risposta relattiva a fol. 1186. Dawn jaqraw hekk:

*"5. Fil-konklużjonijiet tiegħek tgħid illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017 il-partijiet iddikjaraw illi wara li jinbiegħu l-garaxxijiet li kienu nxtraw fiż-żwieġ, mir-rikavat tagħhom kellu jitħallas l-ammont ta' €3,800 lil missier u lil oħt il-konvenuta. Tista' terġa tikkonferma dan mal-imsemmi verbal? Tali verbal qatt ma seħħ, għaliex qabel ma ġew ippreżenati d-dokumenti tal-konvenuta l-attur lanqas qatt kien sema' b' dan id-dejn. Għalfejn għażilt illi temmen l-affidavit u dikjarazzjoni magħmula unilateralment minn familjari tal-konvenuta meta dawn iddikjaraw li għalkemm il-flus kienu allegatament sellfuhom lil Jethro matul iż-żwieġ, id-dejn kien tiegħu biss?'*

*'Domanda 5 – jekk wieħed jifli para 10 tar-relazzjoni wieħed faċilment seta' jinduna li hemm żball f'dak li semmejt fil-paragrafu 8 tal-istess relazzjoni cioe li fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017 l-partijiet qablu li mir-rikavat jitħallas €3800 missier u oħt il-konvenuta u għalhekk il-perit legali tiskuża ruħha f' dan ir-rigward.*

> *Jien wasalt għal konklużjoni li ma nemminx lill-attur meta jgħid li mhux veru li kien hemm dan is-self għar-raġunijiet li semmejt fir-relazzjoni tiegħi fosthom fejn anke fejn hemm skittura ta' self l-attur jiċħad dan is-self tant li l-ġenituri tal-konvenuta kellhom jieħdu proċeduri kontra tiegħu bil-Qorti. L-attur dejn kellu meta żżewweġ u mil-provi ma rriżultax li kellu mezzi biex jixtri dan it-tieni garage li fuqu sar dan is-self."*

111. Fir-relazzjoni m'hemmx 'paragrafu 8'. Il-Qorti tifhem li hawn il-perit legali qed tirreferi għall-aħħar paragrafu ta' dik il-parti tar-rapport bit-titolu *"(7) Immobbli"*.[54]

112. Dwar l-istess kwistjoni appella wkoll l-attur. Permezz tas-sitt aggravju jilmenta li missier u oħt l-attriċi m'humiex parti f'din il-kawża u l-Qorti ma tistax tordna li jsiru pagamenti fil-konfront tagħhom. Jilmenta mill-fatt li dan il-punt sfuġġa lill-Qorti tal-ewwel istanza meta kien ġie senjalat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

113. Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017 il-partijiet ftehmu li d-dar taż-żwieġ tinbiegħ għal €170,000 u l-garaxx ta' taħt id-dar għal €37,000. Ftehmu wkoll li l-garaxx l-ieħor għandu valur ta' €30,000 li għandu jinbiegħu wkoll. Ma saret l-ebda dikjarazzjoni dwar l-allegazzjoni meritu tal-imsemmija aggravji.

---

[54] Fol. 1133.

114. Ladarba l-allegat dejn ta' €3,800 huwa kontestat mill-attur, l-ewwel Qorti ma kellhiex tidħol fil-mertu tal-istess. Peress li m'hemmx qbil dwaru u lanqas hemm ġudikat, is-somma ta' €3,800 ma tistax titqies dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Ovvjament dan sakemm ma jiġix kanonizzat b'sentenza favur dawk li jippretendu li huma kredituri, u f'dak il-każ kull parti quddiem l-oħra titqies responsabbli għal nofs id-dejn (ukoll jekk quddiem it-terzi kredituri l-partijiet jitqiesu debituri *in solidum*).

*Kreditu parafernali tal-Konvenuta.*

115. Il-konvenuta tilmenta wkoll minn dik il-parti tar-rapport bin-numru 11 u li l-ewwel Qorti kkonfermat. Din tgħid hekk:

> *"**(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta***
>
> *(a) Pagament li sar minnha fix-xiri tal-ewwel garage*
> *...*
> *Ghaldaqstant l-ammont ta' €20,731.42c huwa dovut lill-attrici (recte, il-konvenuta) mill-konvenut (recte, mill-attur) meta jinbiegh dan il-garage.*
>
> *(b) pagament li sar max-xiri tat-tieni garage*
> *...*
> *Li ghalhekk l-attrici (recte, il-konvenuta) ppruvat li s-somma ta' €11,200 huma parafernali taghha u ghalhekk ghandha tithallas taghhom mal-bejgh ta' dan il-garage..."*

116. Bis-seba' aggravju l-appellanti tilmenta li t-titolu '*Assi Parafernali tal-Konvenuta'* fir-rapport tal-perit legali u li għalih tirreferi s-sentenza appellata, ma jeżistix. Ilmentat ukoll li l-ħlas tal-kreditu għandu jsir minnufih u mhux toqgħod tistenna l-bejgħ tal-garaxx apparti li l-ewwel Qorti ma qalitx li għandu jitħallas imgħax fuq l-ammont. Ilmentat ukoll li

għal dak li jikkonċerna l-ġid parafernali tal-attur, kull ma kien għad fadallu x'jieħu kien akwarju kif konfermat mill-perit legali waqt l-eskussjoni.

117. L-attur wieġeb li ma jaqbilx mal-konvenuta li l-ħlas relatat maż-żewġ garaxxijiet għandu jħallsu minnufih minflok li l-ħlas isir mal-bejgħ tal-garaxxijiet kif ipproponiet il-perit legali. Żied li mhux ġust li jeħel xi mgħax fuq l-ammont.

118. Għal dak li jirrigwarda l-ħlas li hu dovut lill-konvenuta, il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha toqgħod tistenna li jinbiegħu l-garaxxijiet sabiex titħallas dak li hu dovut lilha. Il-perit legali u l-ewwel Qorti ma taw l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika l-għoti ta' *moratorium*. L-attur għandu flus li huma depożitati fil-qorti minn fejn jista' jħallas. Hu minnu li l-garaxxijiet huma koproprjeta tal-partijiet u inxtraw fl-interess tagħhom it-tnejn. Pero` is-sehem li għandu l-attur hemm ser jibqa'. Iż-żwieġ tal-partijiet inħall u m'hemmx raġuni għalfejn parti għandha tibqa' tistenna li titħallas il-kreditu li hu dovut lilha mill-parti l-oħra. F'kull każ jekk l-attur jagħżel li ma jħallasx, allura għandu jiddekorri l-imgħax. Ovvjament ġialadarba l-imgħax hu aċċessorju għal kapital, f'każ ta' sentenza jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza irrispettivament jekk il-Qorti ssemmix l-imgħax fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

119. Permezz tat-<u>tmien aggravju</u> l-konvenuta qalet li l-perit legali għamlet retifiki fil-paragrafi (b), (c) u (e) sabiex il-kelma '*attriċi'* tiġi

sostitwita bil-kelma ‘*konvenuta’* filwaqt li fil-paragrafu (e) il-kelma ‘*konvenut’* tiġi sostitwita bil-kelma ‘*attur’.*

120. Il-Qorti rat it-tweġibiet in eskussjoni tal-perit legali li kkonfermat l-iżball. Qieset ukoll li l-attur ma qalx li għandu xi oġġezzjoni. Għandhom għalhekk isiru l-korrezzjonijiet relattivi kif indikati fil-paragrafu 15.2(c) tar-rikors tal-appell tal-konvenuta (fol. 14 tar-rikors tal-appell).

*Kreditu parafernali tal-Attur.*

121. Iż-żewġ partijiet ilmentaw dwar din il-parti tar-rapport tal-perit legali:

> ***“(12) Kreditu parafernali tal-attur***
>
> *Mil-kontijiet bankarji esebiti jirriżulta li l-attur sal-gurnata taz-zwieg fl-14 ta’ Awissu 2009 kellu fil-kont HSBC B €481.84c, kellu dejn HSBC E sal-istess data ta’ €2364.51 liema dejn thallas fiz-zwieg, u visa account.*
>
> *Li ghalhekk veru li sakemm izzewweg fl-14 ta’ Awissu 2009 huwa kellu kreditu parafernali huwa kellu €481.84c izda kellu wkoll dejn ta’ €2364.51 mal-HSBC li thallas fiz-zwieg u ghalhekk huwa ghandu jghaddi lil mara s-somma ta’ €700.41( nofs is-somma ta’ €2364.51 minus €481.84c) lil mara.*[55]
>
> *...*
>
> ***(14) Assi parafernali tal-attur***
>
> *A fol 277 et jirrizulta li permezz ta’ kuntratt tas-6 ta’ April 2016 atti Nutar Antonella Navarro l-attur flimkien ma’ Doreen Flask xtraw il-fond li jinsab numru 45 gia numru 23 Triq Dun Mikiel Cassar Zejtun u l-partijiet hadu loan mil-Bank of Valletta.*
>
> *Fis-seduta tad-29 ta’ Mejju 2017 l-konvenuta ddikjarat li fil-31 ta’ Mejju 2017 ser isir il-kuntratt ta’ bejgh tal-fond li jinsab 37 Aphrodite Triq Hal*

[55] F’dan ir-rigward il-Qorti tinnota li hemm żball ta’ aritmetika fil-kalkoli tal-perit legali għaliex €2364.41 - €481.84 = €1882.67/2 = €941.34. Pero` dwar dan ma sarx aggravju mill-konvenuta.

*Gwann Zejtun u li hija kienet sejra tghix temporanjament fiddar tal-genituri taghha H'Attard."*

122. Permezz tas-seba' aggravju l-attur jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat u inkomplet tal-krediti parafernali tiegħu. Dan għaliex fil-fehma tiegħu kellhom jitqiesu x-xogħol bl-idejn li għamel fil-fond matrimonjali qabel iż-żwieġ, bħat-trinek għad-dawl u ilma, tqegħid ta' *wires* għad-dawl u tibjid. F'dan ir-rigward għamel referenza għad-dokumenti a fol. 1025 sa 1050 u argumenta li jirreferu għall-flus li nġibdu mis-self li kienu ħadu qabel iż-żwieġ sabiex inxtara l-materjal tal-elettriku, *plumbing* u drenaġġ. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li x-xogħol sar minnu. Lanqas ma ressaq provi dwar ix-xogħol li suppost għamel u wisq inqas hemm xi prova teknika dwar il-valur ta' dak ix-xogħol jekk sar xi xogħol. Kien semmai fl-obbligu tal-attur li jitlob li jinħatar perit tekniku waqt li l-kawża kienet għadha pendenti quddiem l-ewwel Qorti sabiex jagħti prova li m'hemmx fl-atti. Dan apparti li jekk verament għamel xi xogħol fid-dar parafernali li l-partijiet xtraw flimkien qabel iż-żwieġ, ma jirriżultax li qatt sar bl-intenzjoni li l-attur jitħallas għalih iżda semmai sabiex imorru jgħixu f'dik id-dar għaliex kellha tkun id-dar matrimonjali.

123. Imbagħad dwar l-allegati ħlasijiet li qal li għamel tajjeb għalihom sabiex sar it-tibjid, xiri ta' bieb ta' garaxx, kisi, żewġ gallariji, aluminju u bibien, l-attur lanqas riċevuta waħda ma ppreżenta. Faċli jgħid li l-irċevuti żammithom il-konvenuta. Fl-aggravju l-attur kompla jgħid li jekk *".... jsir*

*eżerċizzju sempliċi fejn wieħed jara t-total tal-infieq li l-konvenuta tgħid li ħallset waħedha u jikkuntrastah mal-introjtu tagħha f'dak iż-żmien partikolari, faċilment jintebaħ illi hija probabbilment kienet qiegħda tħallas aktar milli taqla"*. L-attur kellu biżżejjed żmien sabiex iressaq provi u jagħmel l-eżerċizzju li fl-appell jidher li erronjament jippretendi li kellu jsir mill-ewwel Qorti mingħajr ma tressqu provi. Il-provi jitressqu mill-partijiet, u f'dan ir-rigward l-attur żgur li naqas.

124. Għaldaqstant, tiċħad dan l-aggravju tal-attur.

125. Bis-seba' aggravju (para 14.1), il-konvenuta ssostni li safejn l-ewwel Qorti laqgħet it-tmien talba tal-attur, taħt it-Taqsima '*assi parafernali tal-appellat'* ma jinsab indikat xejn. B'referenza għat-tweġiba tal-perit legali in eskussjoni, li tirreferi għall-akwarju, il-konvenuta tirrileva li l-attur diġa` ħadu u t-tmien talba kellha tiġi miċħuda.

126. Għal dak li jirrigwarda l-oġġetti parafernali li għandu jieħu l-attur, in eskussjoni l-perit legali qalet: *"l-akwarju huwa parafernali tal-attur u t-tmien talba tintlaqa' limitatament għall-akwarju"*. Illum il-konvenuta qiegħda ssostni li l-attur ħa l-akwarju fis-26 ta' Jannar 2017. Jirriżulta li fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017 li saret quddiem il-perit legali, il-partijiet ftehmu: *"Ir-raġel għandu jiġi assenjat l-akwarju u erba' vetrini vojta li jinsabu fis-salott, għodda u sellum u l-mara taqbel u huwa ma jippretendi*

*xejn aktar mill-mobbli”*. Mill-atti ma jidhirx li xi ħadd mill-partijiet reġa’ kkummenta dwar dak, u għalhekk tifhem li m’għadx hemm kwistjoni u l-attur ħa l-mobbli li kellu jieħu.

127. Imbagħad fis-sitt aggravju tal-konvenuta ssostni (para 13.3.1) li l-ammont ta’ €700.41 bi żball kien inkluż bi kreditu parafernali tal-attur mentri kellu jiġi nkorporat bħala ammont li għandu jitħallas lilha fit-taqsima tax-xoljiment tal-Komunjoni tal-akkwisti.

128. Jinftiehem li dak il-kreditu ssemma fil-parti tar-rapport bit-titolu *“(12) Kreditu parafernali tal-attur”* sabiex isir *offset* mal-kreditu parafernali tal-attur, peress li waqt iż-żwieġ tħallas dejn parafernali tal-attur (ara fol. 25 tar-rapport). Hu ovvju li skont ir-rapport is-somma ta’ €700.41 għandha titħallas mill-attur lill-konvenuta. Fl-ebda parti tar-rapport jew tas-sentenza ma jingħad li l-konvenuta għandha tħallas dik is-somma lill-attur.

*Sanzjoni taħt l-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.*

129. Permezz tas-sitt aggravju l-konvenuta argumentat li s-sanzjoni taħt Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-attur kellha tiġi applikata wkoll fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (para. 13.4).

130. F'dan ir-rigward jirriżulta li l-Qorti tal-ewwel grad laqgħet il-ħames kontro-talba tal-konvenuta u applikat kontra l-attur id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 b'mod li l-Artikolu 48(c) japplika b'effett mis-16 ta' Frar 2014. Din il-Qorti diġa` kkonkludiet li l-Artikolu 48(ċ) għandu japplika mit-12 ta' Novembru 2013 iżda dan ma jġib l-ebda konsegwenza fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti a bażi tal-provi li tressqu u kif inqasam il-ġid.

*Il-Kap tal-Ispejjeż*

131. Dan l-aggravju ser jintlaqa' fis-sens li l-attur għandu jagħmel tajjeb ghal 70% tal-ispejjeż tal-ewwel sentenza filwaqt li l-konvenuta 30%.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, il-Qorti tilqa' l-appelli tal-partijiet biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u għaldaqstant tvarja s-sentenza appellata tad-9 ta' Ġunju 2020 billi tipprovdi hekk dwar:

(A) T<u>albiet tal-attur fir-rikors ġuramentat</u>:

1. Tilqa' l-ewwel talba għad-divorzju;
2. B'referenza għat-tieni talba s-sanzjoni kontemplata fl-Art. 48(3) tal-Kodiċi Ċivili għandha tapplika fil-konfront tal-konvenuta b'effett mill-1 ta' Awwissu, 2016.

3. Filwaqt li tikkonferma l-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti skont dik il-parti tar-rapport tal-perit legali bit-titolu *"Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti"*, pero` b'dawn il-korrezzjonijiet:

    3.1 iż-żewġ garaxxijiet fi Triq Ħal Ġwann, Żejtun għandhom jitpoġġew għal bejgħ bi ftehim bejn il-partijiet. Jekk fi żmien sena millum ikun għadu ma ġiex iffirmat u reġistrat konvenju għal bejgħ tal-istess, l-immobbli għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni.

    3.2 L-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma ta' seba' mija u ħamsin euro (€750) bħala sehemha mill-vettura MAD-160;

    3.3 Il-qligħ mill-bejgħ tad-dar matrimonjali depożitati fil-qorti b'żewġ ċedoli (waħda f'isem l-attur u l-oħra f'isem il-konvenuta), hu tal-parti li f'isimha ġew depożitati l-flus.

    3.4 l-allegat dejn ta' €3,800 mal-familjari tal-konvenuta m'huwiex inklużi mad-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti minħabba l-kontestazzjoni li hemm dwaru;

    3.5 paragrafi (b), (c) u (e) tat-titolu '*(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta'* għandu jiġi korrett fis-sens li l-kelma 'attriċi' tinbidel bil-kelma '*konvenuta'* filwaqt li fil-

paragrafu (e) il-kelma '*konvenut'* tinbidel bil-kelma '*attur'*;

3.6 l-attur għandu jħallas ukoll lill-konvenuta s-somma ta' €700.41 li qiegħed jiġi nkluż f'dik il-parti tar-rapport bit-titolu *"(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta"*.

4. Tafda l-kustodja tat-tifel minuri liż-żewġ ġenituri, b'dan li t-tifel għandu jibqa' jgħix mal-konvenuta u bil-kondizzjonijiet dwar l-aċċess kif spjegat hawn fuq;
5. Tħassar in-nomina tan-Nutar Dr Sean Critien għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt u ta' kuratur, u tiddikjara li m'hemmx ħtieġa li jiġi pubblikat kuntratt. Għalhekk ma tqisx iktar is-seba' talba tal-attur;
6. Tastjeni milli tikkunsidra t-tmien talba peress li l-attur ħa l-oġġetti parafernali;

(B) <u>Talbiet tal-konvenuta fir-rikonvenzjoni:</u>

1. B'referenza għall-ewwel talba tippronunzja d-divorzju minflok il-firda, u tapplika s-sanzjoni tal-Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-attur b'seħħ mit-12 ta' Novembru 2013. Taqsam ir-responsabbilta` in kwantu għal 75% fuq l-attur u 25% fuq il-konvenuta.

2. Tordna li l-kustodja tat-tifel minuri għandha tkun taż-żewġ ġenituri, b'dan li t-tifel għandu jibqa' jgħix mal-konvenuta u bil-kondizzjonijiet dwar l-aċċess kif spjegat hawn fuq.
3. Tordna li flimkien mas-somma dovuta mill-attur bħala manteniment, iħallas ukoll nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u mediċi bil-mod spjegat hawn fuq.
4. Tordna li millum iċ-*children's allowance* tibda titħallas kollha lill-konvenuta b'dan li diment li tibqa' tirċievi l-istess, mhux dovut xi ħlas mill-konvenut għall-ispejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel. L-attur għandu wkoll iħallas lill-konvenuta s-somma ta' €189.31 bħala arretrati ta' spejjeż għal saħħa u edukazzjoni relattivi għall-minuri, bl-imgħax legali mit-3 ta' Lulju 2017.
5. Filwaqt li tikkonferma l-likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti skont dik il-parti tar-rapport tal-perit legali bit-titolu *"Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti"*, pero` b'dawn il-korrezzjonijiet:

   6.1 iż-żewġ garaxxijiet fi Triq Ħal Ġwann Żejtun għandhom jitpoġġew għal bejgħ. Jekk fi żmien sena millum ikun għadu ma ġiex iffirmat u reġistrat konvenju għal bejgħ tal-istess, l-immobbli għandhom jinbiegħu b'liċitazzjoni.

6.2 l-ammonti rappreżentanti qligħ mill-bejgħ tad-dar matrimonjali depożitati fil-Qorti b'ċedoli f'isem il-partijiet fi kwoti individwali, għandhom jitqiesu diġa` diviżi.

6.3 L-attur għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' seba' mija u ħamsin euro (€750) bħala sehemha mill-vettura MAD 160;

6.4 l-allegat dejn ta' €3,800 mal-familjari tal-konvenuta ma jistax jitqies dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, sakemm ma jiġix kanonizzat b'sentenza favur dawk li jippretendu li huma kredituri, u f'dak il-każ kull parti quddiem l-oħra titqies responsabbli għal nofs id-dejn (ukoll jekk quddiem it-terzi kredituri l-partijiet jitqiesu debituri in solidum).

6.5 paragrafi (b), (c) u (e) tat-titolu '*(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta'* għandu jiġi korrett fis-sens li l-kelma 'attriċi' tinbidel bil-kelma '*konvenuta'* filwaqt li fil-paragrafu (e) il-kelma '*konvenut'* tinbidel bil-kelma '*attur'*;

6.6 l-attur għandu jħallas ukoll lill-konvenuta s-somma ta' €700.41 li qiegħed jiġi nkluż f'dik il-parti tar-rapport bit-titolu *"(11) Kreditu parafernali tal-konvenuta"*.

7. Tħassar dik il-parti tas-sentenza li laqgħet is-seba' talba tal-kontro-talba.
8. Tordna li l-ispejjeż tal-ewwel stadju għandhom jinqasmu in kwantu għal 75% a karigu tal-attur u 25% a karigu tal-konvenuta.

Tawtorizza lill-konvenuta sabiex tirriverti għall-kunjom xbubitha ta' 'Micallef' filwaqt li fir-rigward tal-minuri wara l-kunjom 'Bugeja' jiżdied il-kunjom 'Micallef'.

Għall-kumplament tal-aggravji tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn ma sarx tibdil bis-sentenza tal-lum.

Spejjeż tal-appell tal-attur u tal-konvenuta għandhom jinqasmu in kwantu għal 75% a karigu tal-attur u 25% għall-konvenuta.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| --- | --- | --- |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr